ECHA

http://echa.europa.eu

# *Programm ta' Ħidma* Multiannwali 2009-2012



**Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi**

**Annankatu 18**

**00120 Ħelsinki**

**Il-Finlandja**

**Referenza:** ECHA-MB/59/2008 (dokument adottat mill-Bord ta' Tmexxija tal-ECHA)

**Data:** 25-09-2008

**Lingwa:** Malti

**Kull mistoqsijia jew kumment dwar dan id-dokument jistgħu jintbagħtu lill-indirizz tal-posta elettronika info@echa.europa.eu billi tikkwota r-referenza, id-data tal-pubblikazzjoni u l-verżjoni lingwistika.**

# AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI
# Programm ta' Ħidma Multiannwali 2009-2012

## Werrej


KELMTEJN QABEL MILL-BORD TA' TMEXXIJA ..... 4

ĦARSA ĠENERALI MID-DIRETTUR EŻEKUTTIV ..... 5

1 INTRODUZZJONI ..... 6

2 L-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI FL-2009-2012 ..... 6

2.1 IL-MISSJONI TAL-ECHA ..... 6
2.2 IL-VIŻJONI TAL-ECHA ..... 7
2.3 IL-VALURI TAL-ECHA ..... 8
2.4 L-GĦANIJIET ĠENERALI TAL-ECHA GĦALL-PERJODU 2009-2012 ..... 9

3 ATTIVITAJIET OPERATTIVI – IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROĊESSI TAR-REACH ..... 10

3.1 REĠISTRAZZJONI, PREREĠISTRAZZJONI U KONDIVIŻJONI TAD-DEJTA ..... 10
*3.1.1 Reġistrazzjoni ..... 10*
*3.1.2 Preparazzjoni għar-reġistrazzjoni u l-kondiviżjoni tad-dejta ..... 11*
3.2 VALUTAZZJONI ..... 12
*3.2.1 Valutazzjoni tad-dossiers ..... 12*
*3.2.2 Valutazzjoni tas-sustanzi ..... 13*
3.3 AWTORIZZAZZJONI U RESTRIZZJONIJIET ..... 14
*3.3.1 Awtorizzazzjoni ..... 14*
*3.3.2 Restrizzjonijiet ..... 16*
3.4 KLASSIFIKAZZJONI U TTIKKETTAR ..... 17
3.5 PARIR U ASSISTENZA PERMEZZ TA' GWIDA U HELPDESKS ..... 18
*3.5.1 Gwida ..... 18*
*3.5.2 Helpdesk ..... 19*
3.6 STRUMENTI TA' SOSTENN GĦALL-OPERAZZJONI INFORMATIĊI ..... 19
3.7 PARIRI XJENTIFIĊI U PRATTIĊI GĦALL-IŻVILUPP ULTERJURI TAL-LEĠIŻLAZZJONI ..... 20

4 IL-KORPI TAL-ECHA U L-ATTIVITAJIET TA' SOSTENN ..... 20

4.1 SEGRETARJAT ..... 20
4.2 KUMITATI U FORUM ..... 20
*4.2.1 Kumitat tal-Istima tar-Riskji u Kumitat ta' Analiżi Soċjoekonomika ..... 21*
*4.2.2 Kumitat tal-Istati Membri ..... 22*
*4.2.3 Forum ..... 22*
4.3 BORD TAL-APPELL ..... 23
4.4 KOMUNIKAZZJONI ..... 23
4.5 RELAZZJONIJIET MA' ISTITUZZJONIJIET TAL-UE U KOOPERAZZJONI INTERNAZZJONALI ..... 24
*4.5.1 Relazzjonijiet ta' ħidma mal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE ..... 24*
*4.5.2 Relazzjonijiet ta' ħidma ma' korpi tar-riċerka internazzjonali ..... 25*
*4.5.3 Relazzjonijiet ta' ħidma ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali ..... 25*

5 ĠESTJONI, ORGANIZZAZZJONI U RIŻORSI ..... 25

5.1 ĠESTJONI U ORGANIZZAZZJONI ..... 25
5.2 BAĠIT, FINANZI U AKKWIST ..... 26
5.3 RIŻORSI UMANI U INFRASTRUTTURA ..... 27
5.4 TEKNOLOĠIJA INFORMATIKA U TAL-KOMUNIKAZZJONI (ICT) ..... 29

6 ANNESSI ..... 29

ANNESS 1: KRONOLOĠIJA TA' REACH

ANNESS 2: STIMI GĦALL-PERSUNAL U L-BAĠIT

## Kelmtejn Qabel mill-Bord ta' Tmexxija

*Bħala l-ogħla organu ta' teħid ta' deċiżjonijiet fi ħdan l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), il-Bord ta' Tmexxija kien l-ewwel entità ta' din li bdiet tiffunzjona b'mod sħiħ u, flimkien mad-Direttur Eżekuttiv u bin-numru żgħir ta' impjegati li kien hemm fil-bidu, dan beda jaħdem biex jistabbilixxi l-Aġenzija sa mit-twaqqif tagħha fl-1 ta' Ġunju 2007.*

*Ir-Regolament REACH huwa l-ikbar proġett leġiżlattiv adottat mill-Unjoni Ewropea f'dawn l-aħħar snin u hija wkoll l-iktar leġiżlazzjoni ambizzjuża dwar is-sustanzi kimiċi fid-dinja. Din għandha l-għan li tindirizza numru ta' nuqqasijiet serji preżenti fil-leġiżlazzjoni Komunitarja preċedenti dwar is-sustanzi kimiċi, b'mod partikolari n-nuqqas ta' informazzjoni dwar ir-riskji għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent marbuta mal-maġġoranza tas-sustanzi kimiċi użati fis-suq Komunitarju, kif ukoll dwar id-dewmien fis-sistema biex jiġu ttrattati s-sustanzi identifikati bħala perikolużi.*

*Is-sustanzi kimiċi jġibu benefiċċji reali għal ħajja tagħna ta' kuljum. Ċerti sustanzi kimiċi jistgħu, madankollu, jikkawżaw ukoll ħsara kbira għas-saħħa tal-bniedem u/jew l-ambjent. Skont ir-Regolament REACH, min iqiegħed is-sustanzi kimiċi fis-suq se jitqies responsabbli li jifhem l-effetti ta' ħsara potenzjali kif ukoll li jikkontrolla r-riskji assoċjati mal-użu ta' sustanzi kimiċi perikolużi. Ir-REACH għandu wkoll l-għan li jsaħħaħ il-kompetittività tal-industrija tas-sustanzi kimiċi tal-UE billi joħloq inċentivi għall-innovazzjoni u billi jelimina d-distorsjonijiet tas-suq intern inerenti fir-reġim leġiżlattiv frammentat li kien fis-seħħ qabel.*

*Kien ċar sa mill-bidu nett li l-implimentazzjoni ta' REACH kienet se tkun sfida; mhux biss għall-kumpaniji kkonċernati iżda wkoll għall-ECHA, li hija ċ-ċentru tas-sistema l-ġdida. Biex l-operazzjonijiet ta' REACH isibu konferma fil-ħajja reali, se jkunu deċiżivi l-kwalità u l-effikaċja tax-xogħol tal-Aġenzija, kemm fir-rigward tal-proċeduri operattivi tagħha, is-sistemi informatiċi kif ukoll il-pariri u l-assistenza li din tforni lill-kumpaniji u lill-Istati Membri. Fid-dawl tal-esperjenza f'din l-ewwel sena u nofs minn mindu ġiet stabbilita l-Aġenzija, il-Bord ta' Tmexxija jinsab fiduċjuż li l-ECHA tkun kapaċi tissodisfa dawn l-aspettattivi għoljin ħafna. Is-suċċess tal-implimentazzjoni ta' REACH evidentement jiddependi mir-rabtiet b'saħħithom u mill-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-ECHA u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Ewropej, partikolarment il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew.*

*Ix-xogħol tal-ECHA għandu jissejjes fuq ġudizzju xjentifiku solidu u fuq eċċellenza regolatorja, filwaqt li jlaqqa' flimkien l-aħjar għarfien espert xjentifiku u tekniku biex isir użu mill-ammont dejjem jikber ta' dejta ta' kwalità għolja dwar is-sustanzi kimiċi. Fl-istess ħin, l-ECHA għandha tkun kompletament awtonoma f'xogħolha. B'hekk biss tista' tiżgura li jkun hemm bażi oġġettiva għall-opinjonijiet u d-deċiżjonijiet tagħha u li jiġu ġġenerati aktar sustanzi u teknoloġiji innovattivi li jieħdu post is-sustanzi jew l-użu ta' sustanzi li jkunu ta' riskju kbir għall-bniedem jew għall-ambjent.*

**<u>Ħarsa ġenerali mid-Direttur Eżekuttiv</u>**

*Dan id-dokument jistabbilixxi l-ewwel Programm ta' Ħidma Multiannwali tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għas-snin 2009-2012. Sa tmiem Ottubru ta' kull sena, il-Bord ta' Tmexxija tal-ECHA jirrevedi dan il-programm u fl-istess waqt jadotta l-programm ta' ħidma annwali tal-Aġenzija li jmiss, li fih jingħataw aktar dettalji dwar is-sena li jmiss.*

*L-ewwel Programm ta' Ħidma Multiannwali tfassal biex jistabbilixxi l-kompiti tekniċi u xjentifiċi tal-ECHA kif ukoll l-għanijiet ta' dan għas-snin ta' wara. Dan iforni wkoll spjegazzjonijiet ċari bażiċi dwar il-proċeduri ħafna drabi kumplessi ta' REACH. Nittamaw li dan jagħmel il-programm t aktar faċli biex jiġi aċċessat għal dawk li mhumiex esperti ta' REACH, u għaldaqstant jgħin biex ikun hemm aktar trasparenza. L-ewwel kapitolu jkopri l-viżjoni, il-missjoni u l-valuri tal-ECHA, kif żviluppaw f'kooperazzjoni mill-qrib mal-persunal tal-Aġenzija, kif ukoll l-għanijiet ġenerali għall-ewwel fażi tal-attività operattiva tagħha. Dan hu segwit minn ħarsa ġenerali lejn ix-xogħol operattiv u amministrattiv li l-Aġenzija se twettaq fis-snin li ġejjin kif ukoll lejn ir-rwol tagħha fil-proċessi ta' REACH. L-Annessi jagħtu ħarsa ġenerali lejn ir-riżorsi tal-ECHA u lejn l-aktar tappi importanti ta' REACH fil-perjodu 2009-2012.*

*Minn mindu ġiet stabbilita f'Ġunju 2007, l-ECHA mhux biss kellha tiżviluppa malajr iżda wkoll kellha ssolvi simultanjament diversi sfidi sabiex tkun kapaċi twettaq id-diversi kompiti operattivi u amministrattivi li kien mistenni li jkollha sa 12-il xahar wara biss.*

*L-Aġenzija bdiet l-operazzjonijiet tagħha madwar xahrejn biss qabel ma l-Bord ta' Tmexxija adotta dan id-dokument. Għaldaqstant, id-deskrizzjonijiet tal-kompiti u l-previżjonijiet magħmula fil-programm huma suġġetti għal numru ta' inċertezzi. Għalhekk, dawn inkitbu f'termini ġenerali ħafna u jistgħu jkollhom bżonn jiġu korretti f'verżjonijiet futuri tal-programm.*

*Bħala d-Direttur Eżekuttiv tal-ECHA, wasluli ħafna reazzjonijiet pożittivi dwar il-fatt li l-Aġenzija twaqqfet f'perjodu ta' żmien tant qasir u li l-operazzjonijiet ta' REACH bdew fl-1 ta' Ġunju 2008. Huwa madankollu evidenti li l-isfidi reali marbuta max-xogħol ta' REACH għadhom wisq 'il bogħod. Is-snin 2009-2012 se jkunu kruċjali għall-ECHA peress li rridu nlestu u nikkonsolidaw il-proċeduri operattivi u tal-ġestjoni tagħna biex inkunu nistgħu nifilħu għall-ogħla pressjoni ta' xogħol mistennija b'rabta mal-ewwel skadenza tat-terminu għar-reġistazzjoni fl-2010 kif ukoll biex nagħtu bidu kredibbli lill-proċedura ta' awtorizzazzjoni tas-sustanzi li huma ta' tħassib serju ħafna. Fl-istess waqt, l-ECHA teħtieġ tgħin lill-industrija kemm jista' jkun għall-implimentazzjoni ta' REACH, sabiex bl-għajnuna tagħha jinkisbu l-vantaġġi mixtieqa għall-kompetittività favur il-kumpaniji bbażati fl-Ewropa.*

*Meta mqabbel mal-leġiżlazzjoni preċedenti dwar is-sustanzi kimiċi, ir-Regolament REACH jolqot medda akbar ta' atturi u dan jeħtieġ bidla fil-mentalità kemm mill-industrija kif ukoll mill-awtoritajiet. Biex din is-sistema ġdida tiġi implimentata b'suċċess, l-ECHA trid tiddependi fuq il-kooperazzjoni bbażata fuq il-fiduċja mal-imsieħba istituzzjonali tagħha, il-Kummissjoni Ewropea, il-Parlament Ewropew u l-awtoritajiet tal-Istati Membri, kif ukoll mal-partijiet interessati u mal-gruppi kollha ta' interess. Għaldaqstant, napprezzaw ħafna r-rispons tagħkom dwar dan il-Programm ta' Ħidma Multiannwali li se jkun ippubblikat fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija www.echa.eu. Nistennew bil-ħerqa l-opinjonijiet tagħkom.*

*Sinċerament nittama li ssibu dan l-ewwel Programm ta' Ħidma Multiannwali tal-ECHA interessanti u utli.*

***Geert Dancet***
***Direttur Eżekuttiv***

# 1 Introduzzjoni

Stabbilita fl-1 ta' Ġunju 2007, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) tinsab fil-qalba tas-sistema regolatorja l-ġdida għas-sustanzi kimiċi fl-Unjoni Ewropea, stabbilita bir-Regolament 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi[1]. Sa tmiem l-2008, ir-Regolament REACH se jkun ġie akkumpanjat bir-Regolament dwar il-Klassifikazzjoni, l-Ittikkettar u l-Ippakkjar ta' sustanzi kimiċi u taħlitiet (ir-Regolament CLP[2]), li kien hemm qbil dwaru dan l-aħħar. Bħala Regolamenti Ewropej, dawn l-atti leġiżlattivi japplikaw direttament fl-Istati Membri kollha mingħajr m'hemm għalfejn issir it-traspożizzjoni tagħhom fil-liġijiet nazzjonali. L-għan tas-sistema ta' REACH huwa li jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, li jippromwovi metodi alternattivi għal testijiet fuq l-annimali biex jiġu vvalutati l-perikli tas-sustanzi kimiċi, biex tkun ffaċilitata ċ-ċirkolazzjoni ħielsa tas-sustanzi kimiċi fis-suq uniku u li jsaħħaħ l-kompetittività u l-innovazzjoni.

Fil-prattika, ir-reġim il-ġdid mistenni jimla l-vojt fl-għarfien dwar is-sustanzi kimiċi li tqiegħdu fis-suq Ewropew qabel l-1981, li jħaffef it-tqegħid fis-suq ta' sustanzi kimiċi innovattivi u sikuri u li jagħmel il-ġestjoni tar-riskju ta' dawn is-sustanzi aktar effiċjenti, b'mod partikolari billi jixħet l-oneru tal-prova għall-identifikazzjoni u l-kontroll tar-riskji mingħand l-awtoritajiet għal għand il-kumpaniji.

Biex l-implimentazzjoni ta' REACH tirnexxi, jeħtieġ li l-Aġenzija tiffunzjona tajjeb, tkun kapaċi tipprovdi opinjonijiet indipendenti bbażati xjentifikament u ta' kwalità għolja fi ħdan termini vinkolanti stretti, u li tiggarantixxi funzjonament ottimali tal-leġiżlazzjoni fl-aspetti operattivi. Madankollu, funzjonament effiċjenti ta' REACH jiddependi wkoll mill-imsieħba istituzzjonali tal-ECHA, b'mod partikolari l-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea. Fil-fatt, sa mill-bidu nett, il-kredibbiltà tas-sistema REACH, pereżempju, se tkun stabbilita bl-allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti u b'politika ta' infurzar effikaċi u ġusta. Barra minn hekk, peress li l-ECHA hija responsabbli biex tabbozza opinjonijiet għall-Kummissjoni Ewropea, l-implimentazzjoni b'suċċess tiddependi mill-bidu u mis-segwitu ta' dawn il-proċessi li jingħatalhom mill-Kummissjoni Ewropea u/jew l-Istati Membri.

# 2 L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi fl-2009-2012

## 2.1 Il-Missjoni tal-ECHA

| |
|---|
| Il-missjoni tal-ECHA hija l-ġestjoni tal-kompiti kollha ta' REACH billi twettaq jew tikkoordina l-attivitajiet meħtieġa kollha sabiex tiżgura l-implimentazzjoni koerenti f'livell Komunitarju u biex tagħmel għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet Ewropej l-aħjar pariri xjentifiċi possibbli dwar problemi relatati mas-sigurtà u dwar l-aspetti soċjoekonomiċi li jolqtu l-użu tas-sustanzi kimiċi. Dan isir billi jkun żgurat proċess kredibbli ta' teħid ta' deċiżjonijiet, billi jintużaw l-aħjar kapaċitajiet xjentifiċi, tekniċi u regolatorji possibbli, kif ukoll billi taħdem f'awtonomija b'mod effiċjenti, trasparenti u koerenti. |

L-ECHA tgħin biex jintlaħqu l-għanijiet ta' REACH, u għalhekk biex tiżgura livell għoli ta' saħħa u protezzjoni ambjentali, filwaqt li fl-istess ħin tkattar l-innovazzjoni u l-kompetittività. Ir-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija jistipula li: *"L-Aġenzija għandha tkun ċentrali sabiex tiżgura li l-liġi dwar is-sustanzi kimiċi kif ukoll il-proċessi ta' teħid ta' deċiżjonijiet u l-bażi xjentifika sottostanti għaliha jkunu*

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (minn hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ ir-"Regolament REACH" jew "REACH")

[2] Ir-Regolament CLP dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-ippakkjar ta' sustanzi kimiċi u taħlitiet, huwa mistenni li jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill tard fl-2008 u se jiġi ppubblikat lejn l-aħħar tal-2008. Dan għandu jimplimenta fl-UE l-kriterji internazzjonali miftiehma mill-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-Nazzjonijiet Uniti (UN ECOSOC) għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta' sustanzi kimiċi u taħlitiet perikolużi, magħrufa bħala s-Sistema Armonizzata Globali tal-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar tas-Sustanzi Kimiċi (GHS). Ir-Regolament iħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE b'effett mill-1 ta' Ġunju 2015.

*kredibbli għall-partijiet interessati kollha u għall-pubbliku. L-Aġenzija għandha jkollha wkoll rwol ċentrali fil-koordinazzjoni tal-komunikazzjoni u fl-implimentazzjoni fir-rigward ta' dan ir-Regolament. Il-kunfidenza fl-Aġenzija tal-istituzzjonijiet tal-Komunità, l-Istati Membri, il-pubbliku ġenerali u l-partijiet interessati hija għaldaqstant essenzjali. Għal din ir-raġuni, jeħtieġ li jkunu żgurati l-indipendenza, il-kapaċitajiet xjentifiċi, tekniċi u regolatorji għolja, it-trasparenza u l-effiċjenza tagħha."*[3]

L-għan ewlieni tal-ECHA huwa, għalhekk, li tiżgura proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet kredibbli u b'saħħtu fi ħdan ir-REACH. Il-prerekwiżiti ewlenin biex ECHA tilħaq dan huma li din:

- tkun indipendenti;
- tiżviluppa kapaċità xjentifika għolja;
- tiżviluppa kapaċità teknika għolja;
- tiżviluppa kapaċità regolatorja għolja;
- taħdem b'mod trasparenti;
- taħdem b'mod effiċjenti.

Wieħed mill-kompiti ewlenin ta' REACH hija l-ġestjoni tal-proċess ta' reġistrazzjoni tas-sustanzi kimiċi; dan għandu jiġbor l-informazzjoni kollha dwar is-sustanzi kimiċi, li għandha tkun ferm aktar kompluta u ta' kwalità ogħla mid-dejta li kienet disponibbli qabel. L-ECHA għandha rwol ewlieni biex tiggarantixxi l-koerenza kemm tal-valutazzjoni ta' din l-informazzjoni kif ukoll tad-deċiżjonijiet biex titlob aktar informazzjoni mingħand ir-reġistranti, u għalhekk tiżgura l-kwalità tad-dejta miġbura. Barra minn hekk, l-ECHA tmexxi l-proċess għall-għoti tal-eżenzjonijiet mill-obbligu ta' reġistrazzjoni għall-finijiet tar-Riċerka u Żvilupp Orjentati lejn il-Proċess u l-Iżvilupp (PPORD).

Permezz tal-kumitati tagħha, l-ECHA tipprovdi opinjonijiet lill-Kummissjoni Ewropea dwar l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni għal sustanzi ta' tħassib serju ħafna u dwar proposti għar-restrizzjoni fil-manifattura, l-importazzjoni u/jew l-użu ta' sustanzi li jippreżentaw riskji li ma jiġux indirizzati mod ieħor bil-proċessi REACH.

L-ECHA għandha toħloq inventarju tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta' sustanzi kimiċi perikolużi li jiġu manifatturati fl-UE jew li jitqiegħdu fis-suq tal-UE, u għandha wkoll obbligi rigward l-armonizzazzjoni ta' dawn il-klassifikazzjonijiet. Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Klassifikazzjoni, l-Ittikkettar u l-Ippakkjar ta' Sustanzi Kimiċi u Taħlitiet (ir-Regolament CLP) jagħti lil ECHA ċerti responsabbiltajiet oħra f'dan ir-rigward. L-ECHA għandha tgħin ukoll lir-reġistranti, lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea fl-implimentazzjoni ta' REACH, u għandha obbligi importanti biex tnaqqas il-ħtieġa għal testijiet fuq l-annimali.

L-ECHA tista' tingħata kompiti oħra. Madankollu, kwalunkwe kompitu addizzjonali għandu jqis il-firxa wiesgħa ta' attivitajiet kif ukoll l-iskadenzi stretti għall-konformità stabbiliti bir-Regolamenti REACH u CLP li l-ECHA għandha tirrispetta għall-ewwel darba.

## 2.2 Il-viżjoni tal-ECHA

| |
|---|
| Il-viżjoni tal-ECHA hija li ssir *l*-Aġenzija rikonoxxuta fuq livell internazzjonali għal kwalunkwe kwistjoni relatata mas-sigurtà ta' sustanzi kimiċi industrijali u sors ta' informazzjoni affidabbli u ta' kwalità għolja dwar is-sustanzi kimiċi. L-ECHA għandha tkun awtorità regolatorja affidabbli, effiċjenti u trasparenti u se tattira lejha persunal motivat ħafna b'talenti għolja billi tapplika l-aktar prattiki amministrattivi u politiki moderni dwar il-persunal. L-industrija għandha tqis lil ECHA bħala msieħeb affidabbli li tagħti pariri u assistenza skont kif meħtieġ. |

[3] Il-premessa 95 tar-Regolament REACH.

F'terminu qasir, l-ECHA se tagħmilha ta' intermedjarju imparzjali bejn il-partijiet interessati kollha milquta mir-Regolament REACH. Din se tforni gwida għall-manifatturi, l-importaturi u l-utenti tas-sustanzi kimiċi biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom, u għandha tkun ta' punt fokali validu għall-Kummissjoni Ewropea, għall-Parlament Ewropew, għall-Istati Membri, għall-industrija u għall-pubbliku ġenerali biex tfornihom bl-informazzjoni meħtieġa dwar sustanzi kimiċi. Għandu jingħata prijorità għolja lill-iżvilupp ta' komunikazzjoni effikaċi u kooperazzjoni mal-Awtoritajiet Kompetenti ta' Stat Membru (MSCAs), sabiex ikun jista' jsir użu mir-riżorsi xjentifiċi u tekniċi ta' livell għoli tagħhom. Aspett importanti ieħor għandu jkun li jiġu żgurati relazzjonijiet mill-qrib u djalogu regolari mal-Parlament Ewropew u mal-Kummissjoni Ewropea.

F'perjodu twil, l-ECHA għandha l-għan li tagħmel is-sistema regolatorja tal-UE fil-qasam tas-sustanzi kimiċi parametru ta' referenza għall-gvernijiet ta' pajjiżi oħra. F'livell internazzjonali, l-Aġenzija għandha tkun attur ewlieni peress li d-*databases* tagħha huma mistennija li jkollhom aktar informazzjoni minn kwalunkwe entità regolatorja komparabbli oħra fid-dinja. Din se ssir il-garanti tal-kwalità ta' ammont ta' dejta li dejjem tiżdied għall-proprjetajiet intrinsiċi u perikolużi tas-sustanzi kimiċi u l-użi tagħhom, u din għandha tagħmel din l-informazzjoni aċċessibbli b'mod faċli kemm jista' jkun filwaqt li tirrispetta n-natura konfidenzjali ta' ċerta informazzjoni. Dan il-proċess ta' komunikazzjoni għandu, pereżempju, jinkludi l-iżvilupp ta' metodi dwar id-disseminazzjoni ta' informazzjoni dwar sustanzi kimiċi li tkun tiftiehem mill-pubbliku ġenerali.

F'dan il-qafas ġuridiku, l-ECHA għandha wkoll tagħti kontribut importanti għall-impenji internazzjonali tal-Komunità Ewropea.

Barra minn hekk, l-Aġenzija għandha tiffoka b'mod partikolari biex tagħmel l-informazzjoni xjentifika għad-dispożizzjoni tar-riċerka u tistabbilixxi, flimkien mal-komunità xjentifika, metodi effiċjenti biex tiggarantixxi l-komunikazzjoni xierqa tal-ħtiġijiet tar-riċerka li jirriżultaw minħabba r-Regolament REACH u li tiġi fornuta l-informazzjoni aġġornata mingħand il-komunità xjentifika.

### 2.3 Il-valuri tal-ECHA

Bħala amministrazzjoni pubblika moderna, il-valuri tal-ECHA huma t-trasparenza, l-imparzjalità, ir-responsabbiltà u l-effiċjenza; din tamministra l-operazzjonijiet ta' REACH b'sigurtà, professjonalità u skont kriterji xjentifiċi. Dan juri l-valur li l-ECHA torbot mhux biss mal-indipendenza tagħha mill-interessi esterni kollha, iżda wkoll, fl-istess ħin, mal-kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet interessati kollha, mal-istituzzjonijiet Ewropej u mal-Istati Membri. L-Aġenzija ssegwi politika b'saħħitha ta' opportunitajiet indaqs u li tirrispetta l-ambjent.

Dawn il-prinċipji huma riflessi fir-regoli u l-proċeduri interni tal-ECHA, inklużi r-*Regoli ta' Proċedura tal-Bord ta' Tmexxija*, tal-*Kumitati u tal-Forum*, il-*kodiċi ta' kondotta tal-ECHA*, l-*Istrateġija ta' komunikazzjoni tal-ECHA* u r-*Regoli tal-ECHA dwar it-trasparenza*. L-atturi kollha kkonċernati bir-Regolament REACH għandhom ikollhom aċċess pariġġ għall-informazzjoni u l-assistenza. L-Aġenzija tagħti attenzjoni partikolari lill-SMEs kemm fil-komunikazzjonijiet tagħha dwar ir-REACH kif ukoll fis-sostenn tagħha għall-implimentazzjoni ta' dan.

Bħala korp tal-Unjoni Ewropea, l-ECHA tqis lilha nfisha bħala aġenzija ta' servizz pubbliku ta' kwalità għolja u moderna. Tixtieq li tiġi rikonoxxuta bħala post tax-xogħol attraenti u bħala entità eċċellenti li tħaddem u li hija interessata ħafna fil-benesseri tal-persunal tagħha.

## 2.4 L-għanijiet ġenerali tal-ECHA għall-perjodu 2009-2012

L-ECHA identifikat sensiela ta' għanijiet ġenerali li minnhom se jiddependi s-suċċess tal-attivitajiet tagħha matul l-ewwel snin tal-attivitajiet operattivi tagħha. Dawn l-għanijiet huma integrati u ppreċiżati aħjar permezz ta' miri ewlenin iddettaljati li huma deskritti fil-qosor fil-bidu ta' kull taqsima li se ssegwi.

Dawn l-għanijiet ġenerali iridu jitqiesu fil-kuntest tal-mandat ġuridiku tal-ECHA. Deskrizzjoni ġenerali dwar it-tappi ewlenin stabbiliti fir-Regolament REACH għall-perjodu 2009-2012 hija annessa ma' dan il-Programm ta' Ħidma Multiannwali (Anness 1).

<u>Għanijiet ġenerali għall-2009-2012:</u>

- L-iktar għan importanti huwa **li REACH ikun jiffunzjona u li jitwettqu l-kompiti assenjati lill-ECHA** billi jkunu implimentati f'waqthom proċeduri effiċjenti u trasparenti għall-proċessi kollha ta' REACH u għall-kompiti li jirriżultaw mir-Regolament CLP, li kien hemm qbil dwaru dan l-aħħar.
- Għan trasversali tal-ECHA hu **li tirbaħ u żżomm il-fiduċja tal-partijiet interessati kollha** fl-operazzjonijiet ta' REACH u CLP, b'mod partikolari billi tadotta deċiżjonijiet u opinjonijiet koerenti u xjentifiċi ta' kwalità għolja u billi tforni gwida dwar l-aħjar prattika, parir u assistenza possibbli lill-partijiet kollha kkonċernati.
- L-ECHA għandha tagħti **bidu kredibbli lil-proċeduri ta' valutazzjoni u ta' awtorizzazzjoni**, inkluż l-aġġornament regolari tal-"lista ta' kandidati" li huma ta' tħassib serju ħafna (SVHC).
- Fl-implimentazzjoni ta' REACH, l-ECHA għandha wkoll **tgħin biex tippromwovi approċċi ta' ttestjar alternattivi kif ukoll metodi li ma jinvolvu l-ebda test** biex jiġu vvalutati l-perikli ta' sustanzi kimiċi. Meta tieħu deċiżjonijiet dwar it-testijiet u l-ħtiġiet ta' informazzjoni, l-ECHA trid tiffoka fuq metodi aċċettati li jiżguraw id-disponibbiltà ta' informazzjoni xierqa dwar il-perikli u fl-istess ħin tipprova tnaqqas kemm jista' jkun l-użu ta' testijiet fuq l-annimali.
- L-ECHA għandha tiżgura d-disponibbiltà f'waqtha u l-iżvilupp ulterjuri ta' **strumenti xjentifiċi informatiċi neċessarji**, kif ukoll l-aċċettazzjoni tagħhom fuq livell internazzjonali.
- L-ECHA għandha tagħmel użu effiċjenti u proattiv mid-*databases* tagħha li qed dejjem jikbru biex **tiffaċilita l-aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni dwar sustanzi kimiċi matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom,** waqt li tqis it-tħassib leġittimu tal-partijiet rilevanti rigward il-kunfidenzjalità.
- L-ECHA għandha **tissorvelja l-prestazzjonijiet tagħha**, sabiex tkun tista' ttejjeb u tikkontribwixxi b'mod regolari għar-rapportar meħtieġ bir-Regolament REACH u tivvaluta sinerġiji possibbli mal-leġiżlazzjoni Komunitarja relatata.
- Permezz tal-Forum, l-ECHA għandha wkoll **tikkontribwixxi għall-infurzar effikaċi ta' REACH.**
- L-ECHA għandha tiżgura d-**disponibbiltà ta' riżorsi umani adegwati** biex jitwettqu l-kompiti tagħha bir-reklutaġġ f'waqtu ta' impjegati bi kwalifiki għolja u b'taħriġ komprensiv.

## 3 Attivitajiet operattivi – implimentazzjoni tal-proċessi tar-REACH

### 3.1 Reġistrazzjoni, prereġistrazzjoni u kondiviżjoni tad-dejta

| **Miri ewlenin għall-2009-2012** |
| --- |
| - Jiġi żgurat li l-kumpaniji jkunu jistgħu jissodisfaw l-obbligi ta' reġistrazzjoni tagħhom kemm jista' jkun b'mod effiċjenti biex ikun hemm bażi għax-xogħol sussegwenti, bħall-valutazzjoni;<br>- Jiġi garantit li sal-1 ta' Jannar 2009 tkun ġiet ippubblikata l-lista ta' sustanzi kimiċi prereġistrati;<br>- Jingħelbu l-pressjonijiet għolja fix-xogħol mistennija mad-data ta' skadenza tal-ewwel reġistrazzjoni;<br>- Jiġu pproċessati n-notifiki tal-utent *downstream* rigward sustanzi li ma kinux prereġistrati. |

Għalkemm ir-reġistrazzjoni, il-prereġistrazzjoni u l-kondiviżjoni tad-dejta huma marbutin ħafna ma' xulxin, dawn jistgħu jinqasmu f'żewġ partijiet differenti, jiġifieri "il-prereġistrazzjoni" u "il-kondiviżjoni tad-dejta" min-naħa waħda u r-"reġistrazzjoni" min-naħa l-oħra. L-ewwel żewġ proċessi huma attivitajiet preparatorji għar-reġistrazzjonijiet differiti ta' sustanzi kimiċi li huma ta' introduzzjoni gradwali. Ir-reġistrazzjoni bdiet fl-1 ta' Ġunju 2008 għal dawk is-sustanzi li mhumiex ta' introduzzjoni gradwali; ir-reġistrazzjoni tas-sustanzi li huma ta' introduzzjoni gradwali se ssir aktar tard.

#### 3.1.1 Reġistrazzjoni

Bidla importanti introdotta mir-Regolament REACH meta mqabbel mal-leġiżlazzjoni Komunitarja preċedenti dwar is-sustanzi kimiċi hija li r-responsabbiltà għall-ġestjoni tar-riskji hija tal-kumpanija li tipproduċi, li timporta, li tqiegħed fis-suq jew li tuża sustanza kimika fil-kuntest tal-attivitajiet professjonali tagħha. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet tar-reġistrazzjoni jeħtieġu biex il-manifatturi u l-importaturi ta' sustanzi kimiċi, fi kwantitajiet ta' tunnellata jew aktar għal kull sena u għal kull manifattur jew importatur, jimplimentaw, u jirrakkomandaw lill-klijenti tagħhom biex jimplimentaw ukoll, miżuri xierqa ta' ġestjoni tar-riskju fuq il-post ibbażati fuq valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika, liema miżuri dawn iridu jieħdu meta l-kwantità manifatturata jew importata tkun tilħaq l-10 tunnellati kull sena, billi jużaw l-informazzjoni relatata mat-tunnellaġġ dwar il-proprjetajiet intrinsiċi tas-sustanzi tagħhom. Din l-informazzjoni għandha timtela fid-*dossier* tar-reġistrazzjoni u tiġi preżentata lill-ECHA.

F'ċerti kundizzjonijiet, il-manifatturi u l-importaturi ta' oġġetti huma meħtieġa wkoll li jippreżentaw *dossier* tar-reġistrazzjoni għas-sustanzi li jkunu preżenti f'dawk l-oġġetti fi kwantitajiet ta' aktar minn tunnellata għal kull sena u għal kull manifattur u importatur. Dan l-obbligu japplika b'mod partikolari għal sustanzi intiżi li jiġu rilaxxati. L-ECHA tista' wkoll titlob ir-reġistrazzjoni anki fil-każi li s-sustanza kimika tkun preżenti f'oġġetti fi kwantitajiet ta' iktar minn tunnellata għal kull sena u għal kull manifattur jew importatur u jekk din ikollha raġunijiet biżżejjed biex tissuspetta li s-sustanza tista' tiġi rilaxxata mill-oġġett, u għalhekk tippreżenta riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent[4]. Barra minn hekk, l-ECHA tipproċessa wkoll in-notifiki għal eżenzjonijiet temporanji tal-obbligu ta' reġistrazzjoni għal sustanzi li jintużaw fi prodott jew proċess relatat mar-riċerka u l-iżvilupp (PPORD).

Id-data ta' skadenza għall-preżentazzjoni tar-reġistrazzjoni tiddependi mill-istatus li s-sustanza kellha fil-leġiżlazzjoni preċedenti fil-qasam tas-sustanzi kimiċi. Ir-Regolament REACH jintroduċi reġim tranżizzjonali għal sustanzi li, f'ċerti kundizzjonijiet, kienu diġà qed jiġu manifatturati, importati jew imqiegħda fis-suq qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament fl-1 ta' Ġunju 2007 u ma kellhomx għalfejn

[4] Mill-1 ta' Ġunju 2011, kwalunkwe manifattur jew importatur ta' merkanzija huwa obbligat li jinnotifika lill-ECHA jekk, fost dawk l-oġġetti, ikun hemm SVHC inkluża fil-"lista ta' kandidati", li l-preżenza tagħha tkun ogħla minn ċerti limiti stabbiliti.

jiġu notifikati skont il-leġiżlazzjoni ta' qabel[5]. Dawn is-sustanzi huma magħrufa bħala 'sustanzi ta' introduzzjoni gradwali', u aktar 'il quddiem se jitħabbru d-dati ta' skadenza għar-reġistrazzjoni tagħhom (fl-2010, l-2013 u l-2018). Dawn id-dati ta' skadenza jiddependu fuq it-tunnellaġġi li jiġu manifatturati jew importati u fuq il-proprjetajiet perikolużi speċifiċi.

Biex jibbenefikaw mir-reġim transizzjonali, is-sustanzi kimiċi ta' introduzzjoni gradwali għandhom l-ewwel ikunu prereġistrati. Is-sustanzi kimiċi li ma jikkorrispondux mad-definizzjoni ġuridika ta' 'introduzzjoni gradwali' jiġu ttrattati bħala sustanzi ġodda ('sustanzi kimiċi li mhumiex ta' introduzzjoni gradwali') u ma jistgħux jiġu manifatturati, importati jew imqiegħda fis-suq mingħajr is-sottomissjoni b'suċċess tad-*dossier* tar-reġistrazzjoni.

Għal sustanzi li mhumiex ta' introduzzjoni gradwali, l-ECHA stabbiliet riżorsi fuq il-bażi ta'stima ta' madwar 200-400 reġistrazzjoni fis-sena fl-ewwel snin. Ir-reġistrazzjoni bikrija ta' sustanzi ta' introduzzjoni gradwali hija mistennija li tammonta għal numru relattivament żgħir ta' *dossiers*, filwaqt li r-rata tal-preżentazzjoni hija mistennija li titħaffef sew hekk kif qed toqrob l-ewwel data ta' skadenza fl-2010 għas-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali. Huwa stmat li fl-2010 se jaslu għand l-ECHA madwar 20 000 *dossier* ta' reġistrazzjoni (inklużi d-*dossiers* preżentati bħala parti minn preżentazzjoni konġunta). L-istess huwa previst għad-dati l-oħra ta' skadenza fir-rigward tas-sustanzi kimiċi l-oħra ta' introduzzjoni gradwali.

### 3.1.2 Preparazzjoni għar-reġistrazzjoni u l-kondiviżjoni tad-dejta

Il-prereġistrazzjoni, li għandha ssir bejn l-1 ta' Ġunju u l-1 ta' Diċembru 2008, timponi lill-manifatturi u l-importaturi jfornu numru limitat ta' informazzjoni dwar is-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali li dawn ikollhom il-ħsieb li jirreġistraw (ebda dejta, ebda suq), sabiex ikunu intitolati li jieħdu vantaġġ mid-dispożizzjonijiet transizzjonali għar-reġistrazzjoni. Il-prereġistrazzjoni huwa l-punt tat-tluq għall-formazzjoni tal-Fora ta' skambju ta' informazzjoni dwar sustanza (SIEF), fejn il-manifatturi u l-importaturi li jipprereġistraw ikunu jistgħu jiskambjaw l-informazzjoni u jippreparaw b'mod konġunt l-informazzjoni li għandha tkun preżentata għar-reġistrazzjoni.

Il-prereġistrazzjoni wkoll hija fażi importanti għall-ECHA. Mill-1 ta' Jannar 2009, xahar wara minn mindu jintemm il-perjodu tal-prereġistrazzjoni, l-ECHA għandha tippubblika fis-sit elettroniku tagħha l-lista ta' sustanzi kimiċi prereġistrati. Din il-lista tinkludi l-ismijiet tas-sustanzi, inkluż, jekk ikun disponibbli, in-numri tal-EINECS u tal-CAS tagħhom, l-ewwel data ta' skadenza għar-reġistrazzjoni prevista, kif ukoll l-ismijiet ta' sustanzi simili għall-użu potenzjali biex jimtela l-vojt li hemm fid-dejta bl-użu ta' metodi bħar-*read-across*, ir-raggruppament f'kategoriji kimiċi u r-relazzjonijiet kwantitattivi bejn attività u struttura (QSARs). Din il-lista, billi tirrappreżenta inventarju tas-sustanzi eżistenti kollha manifatturati u importati fil-Komunità fi kwantitajiet ta' tunnellata jew aktar għal kull sena u għal kull manifattur jew importatur, hija għaldaqstant sors ta' informazzjoni importanti, kif ukoll strument ta' ppjanar utli għax-xogħol relatat mar-reġistrazzjoni u l-valutazzjoni potenzjali.

Is-sustanzi li ma jkunu la prereġistrati u lanqas reġistrati ma jistgħux ikunu manifatturati, importati jew imqiegħda fis-suq, u għalhekk ma jkunux disponibbli għall-utenti *downstream* (DUs). Biex ikunu evitati l-interruzzjonijiet tal-attivitajiet tan-negozju, id-DUs jistgħu jinnotifikaw lill-ECHA dwar sustanzi li ma jkunux fil-lista. F'każijiet bħal dawn l-ECHA tippubblika l-isem tas-sustanza fuq is-sit tagħha, u fuq talba tipprovdi d-dettalji tal-kuntatt tad-DU lir-reġistrant potenzjali. Ix-xogħol assoċjat ma' din l-operazzjoni huwa mistenni li jsir l-aktar fl-2009.

L-ECHA għandha taħdem wkoll fuq il-prereġistrazzjonijiet li saru "tard" mill-manifatturi u mill-importaturi li jimmanifatturaw jew li jimportaw għall-ewwel darba sustanza ta' introduzzjoni gradwali fi kwantitajiet ta' tunnellata jew aktar għal kull sena u li, għaldaqstant, jistgħu jipprereġistrawha anke wara l-1 ta' Diċembru 2008. L-ECHA għandha taċċetta dawn il-prereġistrazzjonijiet "tard" sa sena

[5] Direttiva 67/548/KEE.

qabel id-data ta' skadenza tal-preżentazzjoni finali (l-1 ta' Ġunju 2017) u taġġorna l-lista tas-sustanzi prereġistrati kif jixraq.

L-għan ewlieni tal-Fora ta' skambju ta' informazzjoni dwar sustanza (SIEF) hija l-kondiviżjoni tad-dejta, sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-ispejjeż u jkunu evitati testijiet doppji fuq l-annimali, kif ukoll sabiex tkun iffaċilitata l-klassifikazzjoni u l-ittikkettar komuni tas-sustanzi. Is-SIEF jiġi ffurmat mingħajr l-involviment tal-ECHA. Biex jitħaffef il-proċess, madankollu, l-ECHA stabbiliet u se żżomm sistema informatika li permezz tagħha r-reġistranti potenzjali tal-istess sustanza ta' introduzzjoni gradwali ikunu jistgħu jsibu d-dettalji tal-kuntatt ta' xulxin permezz ta' paġni web "pre-SIEF" li jkunu siguri. Wara l-pubblikazzjoni tal-lista tas-sustanzi prereġistrati, il-partijiet terzi li jkollhom l-informazzjoni dwar dawk is-sustanzi jkunu jistgħu jagħmlu lilhom infushom magħrufa fuq il-paġni web ta' pre-SIEF li jikkorrispondu, jekk jagħmlu l-ħsieb li jaqsmu d-dejta tagħhom. L-ECHA tagħmel ukoll dak kollu possibbli biex tiżgura li l-informazzjoni tal-kuntatt li jkollha għal sustanzi attivi fi prodotti bijoċidali u fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jkunu awtorizzati skont reġimi regolatorji oħra tal-UE, tiġi inkluża fil-paġni web ta' pre-SIEF li jikkorrispondu. Għas-sustanzi li mhumiex ta' introduzzjoni gradwali u s-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali mhux prereġistrati, il-proċess ta' stħarriġ ta' qabel ir-reġistrazzjoni għandu jippermetti biex l-ECHA tiffaċilita l-kondiviżjoni tad-dejta.

Fejn ma jintlaħaqx qbil dwar il-kondiviżjoni ta' studju, l-ECHA għandha f'ċerti każijiet tieħu deċiżjoni jew tagħti permess biex tiġi kkonsultata l-informazzjoni ppreżentata diġà. Jekk l-ebda dejta ma tiġi preżentata, l-ECHA għandha tieħu deċiżjoni dwar jekk it-test għandux jerġa' jsir jew le minn reġistrant potenzjali ieħor. Huwa mistenni li n-numru ta' dan in-nuqqas ta' qbil fis-SIEF se jiżdied sew fl-2010, fix-xhur ta' qabel l-ewwel data ta' skadenza għar-reġistrazzjoni.

## 3.2 Valutazzjoni

**Miri ewlenin għall-2009-2012**

- Jiġu garantiti l-effiċjenza u l-koerenza tad-deċiżjonijiet u, fejn meħtieġ, tirfina l-proċeduri operattivi u l-kriterji tekniko-xjentifiċi biex tagħmel il-valutazzjonijiet u l-kontrolli ta' konformità;
- Twettiq, kemm jista' jkun possibbli, ta' verifiki ta' konformità għad-*dossiers* tar-reġistrazzjoni, għat-tħejjija tal-ewwel mewġa kbira ta' *dossiers* tar-reġistrazzjoni li se jaslu fl-2010. Se jiġu stabbiliti metodi ta' komunikazzjoni mill-qrib mal-industrija biex ikun żgurat li f'dawn id-*dossiers* tiġi fornuta informazzjoni korretta.

Il-proċess ta' valutazzjoni jinkludi żewġ kompiti relatati: il-valutazzjoni tad-*dossiers* u l-valutazzjoni tas-sustanzi.

### 3.2.1 Valutazzjoni tad-*dossiers*

Il-valutazzjoni tad-*dossiers* huwa wieħed mill-iktar kompiti impenjattivi tal-ECHA minħabba n-numru mdaqqas sew ta' *dossiers*, il-volum ta' informazzjoni f'kull *dossier* kif ukoll il-kompetenza xjentifika u teknika konsiderevoli meħtieġa. Wieħed mill-għanijiet ewlenin tal-ftit snin li ġejjin huwa li tiġi żviluppata l-kapaċità meħtieġa għax-xogħol ta' wara d-data ta' skadenza ta' Diċembru 2010, li huwa marbut mar-reġistrazzjoni ta' sustanzi kimiċi b'volum għoli. Is-sustanzi kimiċi b'volum għoli ġeneralment ikunu l-iktar sustanzi kumplessi biex jiġu valutati, u dan minħabba n-numru kbir ta' utenti u *databases* differenti. Għaldaqstant, matul l-2009 u l-2010, l-attenzjoni ewlenija se tkun biex jiġu żviluppati l-kapaċitajiet u l-kompetenzi xjentifiċi għall-valutazzjoni ta' dawn is-sustanzi kimiċi.

Barra minn hekk, fil-perjodu 2009-2010 huwa mistenni li l-proċeduri u l-istrumenti għall-implimentazzjoni ta' REACH xorta jkun għad għandhom bżonn ta' aktar ittestjar u perfezzjoni. Il-valutazzjoni tad-*dossiers* issir mill-ECHA, u tinkludi eżami tal-proposti għat-testijiet kif ukoll dwar il-kontroll tal-konformità.

**Valutazzjoni tal-proposti għat-testijiet**

L-għan tal-valutazzjoni tal-proposti għat-testijiet huwa li jiżgura li l-proposti jkunu suffiċjenti biex id-*dossier* tar-reġistrazzjoni jkun konformi mal-Annessi rilevanti tar-Regolament REACH (IX, X u XI). Dan jgħin biex jiġu evitati testijiet fuq l-annimali kif ukoll spejjeż mhux meħtieġa. L-ECHA għandha tivvaluta kull proposta għal testijiet addizzjonali (dan huwa obbligatorju għat-testijiet inklużi fl-Annessi IX u X tar-Regolament) biex ikun żgurat li t-testijiet proposti jiġġeneraw dejta affidabbli u xierqa u li l-informazzjoni disponibbli kollha u l-għażliet għal metodi ta' testijiet alternattivi u għal metodi li ma jinvolvu l-ebda test biex ikunu valutati l-proprjetajiet perikolużi jkunu ġew ikkunsidrati kif jixraq.

Id-dati ta' skadenza għall-valutazzjoni tal-proposti għat-testijiet fir-rigward ta' sustanzi ta' introduzzjoni gradwali huma differenti minn dawk li mhumiex ta' introduzzjoni gradwali. Il-proposti għal sustanzi ta' introduzzjoni gradwali li jiġu rreġistrati sa Diċembru 2010 (l-ewwel data ta' skadenza għar-reġistrazzjoni għal dawk is-sustanzi) iridu jiġu valutati sa Diċembru 2012. Il-proposti għal sustanzi li mhumiex ta' introduzzjoni gradwali jridu jiġu valutati fi żmien 6 xhur mid-data tar-reġistrazzjoni.

L-ogħla ammont tax-xogħol għall-valutazzjoni tal-proposti għat-testijiet mistenni jkun bejn Diċembru 2010 u Ġunju 2016, wara li l-parti l-kbira tas-sustanzi ta' introduzzjoni gradwali, ta' iktar minn 1000 u minn 100 tunnellata għal kull sena, ikunu ġew irreġistrati. Madankollu tibqa' inċertezza kbira dwar in-numru ta' *dossiers* li għandhom jiġu valutati, peress li bħalissa għadu mhux magħruf kemm hemm dejta disponibbli għal dawn is-sustanzi. Il-valutazzjonijiet preżenti se jiġu rfinuti wara l-ewwel ftit tas-snin ta' funzjonament fuq il-bażi tal-imġiba ġenerali tar-reġistranti.

**Kontrolli ta' konformità**

L-għan tal-kontrolli ta' konformità huwa li jippromwovi l-kwalità tad-*dossiers* tar-reġistrazzjoni. L-ECHA għandha tikkontrolla parti rilevanti ta' *dossiers* preżentati (mill-inqas 5% għal kull faxxa ta' tunnellaġġ) biex tikkontrolla jekk l-informazzjoni fid-*dossier* tekniku fir-Rapport dwar is-Sigurtà Kimika hijiex adegwata u tikkorrispondix mar-rekwiżiti ġuridiċi jew le. F'każ ta' nuqqas ta' konformità, ir-reġistrant jintalab biex jippreżenta l-informazzjoni nieqsa.

Ibbażat fuq in-numru ta' reġistrazzjonijiet mistennija u skont il-kwota minima ta' 5% stabbilita bir-Regolament, l-għan minimu tal-ECHA huwa li jagħmel madwar 10, 40, 100 u 100 kontroll ta' konformità fis-snin 2009, 2010, 2011 u 2012 rispettivament. Madankollu, xogħol intensiv ta' kontroll tal-konformità fl-ewwel ftit snin jista' jkollu rwol strateġiku biex itejjeb il-kwalità tar-reġistrazzjonijiet. Għalhekk, fl-2009 u fl-2010 l-ECHA beħsiebha talloka riżorsi sostanzjali għal din l-attività. Ir-reviżjoni se tikkonċerna l-aktar id-*dossiers* għal dawk is-sustanzi li mhumiex ta' introduzzjoni gradwali.

### 3.2.2 Valutazzjoni tas-sustanzi

Il-valutazzjoni tas-sustanzi ssir mill-Awtoritajiet Kompetenti ta' Stat Membru (MSCAs) biex jiċċaraw kwalunkwe tħassib li jista' jkun hemm fil-bidu rigward is-saħħa tal-bniedem jew l-ambjent, u tinvolvi valutazzjoni tal-informazzjoni disponibbli kollha kif ukoll, jekk ikun meħtieġ, dawn jistgħu jitolbu għal aktar informazzjoni mill-industrija. L-ECHA għandha rwol ta' koordinament li jinvolvi pjan ta' azzjoni multiannwali Komunitarju rikorrenti għall-valutazzjoni tas-sustanzi; l-Aġenzija tiżgura wkoll il-koerenza tad-deċiżjonijiet dwar talbiet għall-informazzjoni.

Il-kompitu tal-valutazzjoni tas-sustanza għandu dati ta' skadenza inqas immedjati, ħlief għal ċerti sustanzi nnotifikati skont il-leġiżlazzjoni preċedenti li huma kkunsidrati bħala inklużi fil-pjan ta' azzjoni Komunitarju rikorrenti. Biex tippreżenta l-ewwel pjan ta' azzjoni Komunitarju rikorrenti sal-1 ta' Diċembru 2011, u flimkien mal-Istati Membri, l-ECHA għandha tiżviluppa kriterji ta' selezzjoni li

għandhom jiġu valutati sabiex il-proċess ta' selezzjoni jkun jista' jibda fil-bidu tal-2011. Biex tipprova l-proċeduri tal-Aġenzija u tal-Kumitat, l-ECHA tista' tipproponi li fl-2009 u fl-2010 tagħmel xi valutazzjonijiet bikrin għal sustanzi li mhumiex ta' introduzzjoni gradwali.

## 3.3 Awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet

**Miri ewlenin għall2009-2012**

- Bidu b'mod kredibbli tal-proċedura ta' awtorizzazzjoni;
- Tħejjija ta' rakkomandazzjoni(jiet) ġdida(ġodda) għall-awtorizzazzjoni ta' sustanzi ta' prijorità, biex tiżviluppa l-lista tas-sustanzi kandidati (2010-2012);
- Garanzija ta' kontinwazzjoni regoli tal-proċeduri ta' restrizzjoni fl-ambitu tar-Regolament REACH.

L-awtorizzazzjonijiet u r-restrizzjonijiet jistgħu jintużaw biex jindirizzaw, f'livell Komunitarju, ir-riskji marbuta ma' sustanzi kimiċi li għalihom il-proċeduri REACH l-oħra ma jitqisux bħala suffiċjenti. L-awtorizzazzjoni hija intiża biex tiżgura li r-riskji mis-sustanzi identifikati bħala ta' tħassib serju ħafna (SVHC) jiġu kkontrollati kif xieraq u li dawn is-sustanzi jinbidlu b'mod progressiv jekk ikun hemm alternattivi teknikament u ekonomikament vijabbli li jnaqqsu r-riskju ġenerali filwaqt li jkun żgurat l-funzjonament tajjeb tas-suq uniku. Jistgħu jiġu imposti restrizzjonijiet fejn ikun hemm riskju mhux aċċettabbli li jkun jeħtieġ jiġi indirizzat fuq bażi Komunitarja.

Fiż-żewġ proċeduri, l-MSCAs (jew il-Kummissjoni Ewropea) għandhom id-dritt li jressqu proposti għall-identifikazzjoni ta' sustanzi bħala SVHCs. Barra minn hekk, l-ECHA twettaq ix-xogħol preparatorju li jirrigwarda l-prijoritizzazzjoni tas-sustanzi biex jiddaħħlu fil-lista ta' sustanzi suġġetti għall-awtorizzazzjoni, filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea tieħu d-deċiżjonijiet finali.

### 3.3.1 Awtorizzazzjoni[6]

Il-proċedura ta' awtorizzazzjoni tikkonċerna s-SVHCs. Dawn huma sustanzi li huma a) Karċinoġeniċi, Mutaġeniċi jew tossiċi għar-Riproduzzjoni (CMR), b) Persistenti, Bijoakkumulattivi u Tossiċi (PBT) jew Persistenti ħafna u Bijoakkumulattivi ħafna (vPvB) skont il-kriterji stabbiliti fir-Regolament REACH u c) sustanzi ta' livell ekwivalenti ta' tħassib identifikati fuq bażi ta' każ b'każ.

**Identifikazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHC)**

Il-proċedura ta' identifikazzjoni għas-SVHC tibda bil-preparazzjoni ta' *dossier* minn MSCA jew mill-ECHA (fuq it-talba tal-Kummissjoni Ewropea). Dan id-*dossier* joffri r-raġunijiet li jiġġustifikaw l-identifikazzjoni tas-sustanza bħala SVHC skont il-kriterji msemmija aktar 'il fuq. Il-preparazzjoni ta' dawn id-*dossiers* huwa kompitu impenjattiv. L-ECHA, għalhekk, għandha toħloq pjattaforma sabiex tistimola l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u biex tipprovdi t-taħriġ. L-Istati Membri, l-ECHA u l-partijiet interessati jistgħu jikkummentaw dwar dawn id-*dossiers*. Jekk ma jasal l-ebda kumment, is-sustanza titqies li ġiet identifikata bħala SVHC u titpoġġa fil-"lista ta' kandidati" għall-inklużjoni possibbli tagħha fil-futur fl-Anness għar-Regolament li jelenka s-sustanzi soġġetti għall-awtorizzazzjoni (l-Anness XIV, il-"lista ta' awtorizzazzjoni"). Jekk jaslu xi kummenti, id-*dossier* jintbagħat lill-Kumitat tal-Istat Membru tal-ECHA biex jiġi diskuss u, jekk ikun il-każ, approvat.

"Lista ta' kandidati" inizjali kienet ippubblikata fil-ħarifa tal-2008. Din il-lista għandha tiġi aġġornata regolarment mill-ECHA fuq il-bażi ta' fluss ikkoordinat għall-*input* mill-Istati Membri u talbiet mill-Kummissjoni Ewropea lill-ECHA.

[6] L-aġġornamenti futuri ta' dan id-dokument għandhom jinkludu lista ta' SVHC fil-programm ta' ħidma tal-ECHA. Is-sustanzi għandhom ikunu indikati wkoll fil-lista ta' kandidati skont l-Artikolu 59.1 tar-Regolament REACH .

Fl-2008 l-ECHA ttrattat 16-il *dossier* għall-identifikazzjoni ta' sustanzi bħala SVHC biex jiġu inklużi fl-ewwel "lista ta' kandidati". Barra minn hekk, fl-2008 il-Kummissjoni talbet ukoll lill-ECHA biex tipprepara 5 *dossiers* oħra għall-identifikazzjoni ta' sustanzi bħala SVHC. Minkejja l-fatt li m'hemm l-ebda skadenza speċifika indikata fir-Regolament biex l-Istati Membri jippreżentaw il-proposti tagħhom għas-SVHC, huwa antiċipat li x-xogħol matul is-snin 2009-2012 se jiżdied.

**Inklużjoni ta' sustanza fil-lista ta' sustanzi suġġetti għall-awtorizzazzjoni (Anness XIV)**

Għall-inqas darba kull sentejn l-ECHA trid tipprijoritizza s-sustanzi li hemm fil-"lista ta' kandidati" billi tikkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tal-Istati Membri tagħha, bl-għan li tirrakkomandahom lill-Kummissjoni Ewropea ħalli jiġu inklużi fl-Anness għar-REACH li jelenka s-sustanzi suġġetti għall-awtorizzazzjoni (Anness XIV, il-"lista ta' awtorizzazzjoni"). Kull sustanza inkluża f'din ir-rakkomandazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn *dossier* li jispeċifika d-dettalji li japplikaw għar-rekwiżit għall-awtorizzazzjoni (pereżempju d-data li minnha t-tqegħid fis-suq u l-użu tas-sustanza għandhom ikunu pprojbiti sakemm ma tingħatax awtorizzazzjoni, magħrufa bħala d-"d-data tat-terminazzjoni"). In-numru ta' sustanzi inklużi fir-rakkomandazzjoni jiddependi wkoll fuq il-kapaċità tal-ECHA li tittratta f'waqthom l-applikazzjonijiet previsti bir-Regolament REACH.

Qabel ma tibgħat ir-rakkomandazzjoni finali tagħha lill-Kummissjoni Ewropea, l-ECHA għandha tagħmel il-proposta tagħha disponibbli pubblikament u tistieden lill-partijiet kollha interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom dwar is-sustanzi prijoritizzati. L-Aġenzija mbagħad tirrevedi l-kummenti li tirċievi, u meta jasal iż-żmien, taġġorna l-proposta tagħha u tibgħatha lill-Kummissjoni, li sussegwentement din tiddeċiedi dwar l-inklużjoni tas-sustanzi fl-Anness.

Ir-Regolament REACH jeħtieġ li l-ECHA tagħmel l-ewwel rakkomandazzjoni tagħha dwar is-sustanzi ta' prijorità sal-1 ta' Ġunju 2009. Fis-snin 2010-2012 l-ECHA għandha tipprepara rakkomandazzjoni ġdida/rakkomandazzjonijiet ġodda, biex tikkunsidra l-ħażna dejjem tikber ta' sustanzi kandidati u biex tapplika kemm jista' jkun malajr l-esperjenza miksuba matul l-elaborazzjoni tal-ewwel rakkomandazzjonijiet.

**Proċedura għad-deċiżjoni ta' awtorizzazzjoni**

Is-sustanzi li jkunu suġġetti għar-rekwiżit ta' awtorizzazzjoni jistgħu jitqiegħdu biss fis-suq jekk tkun ingħatatilhom awtorizzazzjoni (sakemm l-użu jkun eżentat mir-rekwiżit tal-awtorizzazzjoni). Il-"lista ta' awtorizzazzjoni" għandha tistabbilixxi d-data sa meta l-applikanti għandhom jippreżentaw l-applikazzjonijiet tagħhom għall-awtorizzazzjoni jekk ikunu jixtiequ jkomplu jużaw is-sustanzi kkonċernati wara din id-"data tat-terminazzjoni".

L-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni jistgħu jsiru mill-manifattur(i), l-importatur(i) u/jew mill-utent(i) *downstream* u jistgħu jiġu ppreżentati b'mod separat jew konġunt. Applikazzjoni tista' tkopri l-użi tagħhom mill-applikanti u/jew mill-utenti *downstream*. Il-kontenut tal-applikazzjoni jista' jvarja, iżda ċerti rekwiżiti minimi japplikaw, bħar-rapport dwar is-sigurtà kimika (sakemm ma jkunx ġie ppreżentat diġà bħala parti mir-reġistrazzjoni) u l-analiżi tal-alternattivi. Il-Kumitat tal-Istima tar-Riskji tal-ECHA (RAC) u l-Kumitat tal-Analiżi Soċjoekonomika (SAEC) għandhom jagħtu l-opinjonijiet tagħhom dwar l-applikazzjoni fi żmien 10 xhur mid-data li fiha l-ECHA tirċievi l-applikazzjoni. Partijiet terzi għandhom jingħataw l-opportunità biex jippreżentaw l-informazzjoni bħala parti mill-proċess.

Ix-xogħol tal-RAC u tal-SAEC jibda b'verifika dwar jekk l-applikazzjoni li tkun waslet tinkludix l-informazzjoni meħtieġa kollha u, fejn ikun meħtieġ, issir talba lill-applikant biex jirrettifika kwalunkwe eventwali nuqqas fl-applikazzjoni. Barra minn hekk, l-SAEC jista' jitlob mingħand l-applikant jew mingħand partijiet terzi għal aktar informazzjoni dwar sustanzi u teknoloġiji alternattivi possibbli. L-opinjonijiet tal-kumitati jindirizzaw ir-riskji u l-fatturi soċjoekonomiċi assoċjati mal-użi applikati għal u d-disponibbiltà, ir-riskji u l-fattibbiltà teknika u ekonomika tal-alternattivi. L-

opinjonijiet ikkompilati jintbagħtu lill-Kummissjoni Ewropea, li tieħu l-aħħar deċiżjoni biex tagħti jew tiċħad l-awtorizzazzjoni.

L-ewwel applikazzjonijiet mistennija li jaslu għand l-ECHA lejn l-aħħar tal-2011 jew l-2012. In-numru ta' applikazzjonijiet f'sena partikolari jiddependi fuq diversi fatturi, u dan għandu jiġi rfinut wara li tkun saret l-ewwel rakkomandazzjoni għall-inklużjoni fl-Anness imsemmi aktar 'il fuq. Valutazzjoni preliminari għall-ewwel ftit snin x'aktarx tkun bejn 100 sa 250 applikazzjoni.

### 3.3.2 Restrizzjonijiet

Restrizzjoni hija kwalunkwe kundizzjoni jew projbizzjoni imposta fuq il-manifattura, l-importazzjoni jew it-tqegħid fis-suq jew l-użu ta' sustanza kimika. Jistgħu jiġu introdotti restrizzjonijiet ġodda jew inkella jiġu emendati dawk eżistenti fejn ikun hemm riskju mhux aċċettabbli għas-saħħa jew l-ambjent li jeħtieġ jiġi indirizzat fuq bażi Komunitarja. Kwalunkwe deċiżjoni bħal din għandha tikkunsidra l-impatti soċjoekonomiċi tar-restrizzjoni, inkluża d-disponibbiltà tal-alternattivi. Ir-restrizzjonijiet il-ġodda għandhom jiġu inklużi fl-Annessi rilevanti għar-Regolament REACH (Anness XVII) li jinkludu diġà r-restrizzjonijiet l-'antiki' adottati skont id-Direttiva dwar ir-Restrizzjonijiet[7] li r-Regolament REACH se jissostitwixxi fl-1 ta' Ġunju 2009.

Il-proċess tar-restrizzjoni jibda b'notifika ta' intenzjoni biex jitħejja *dossier* xjentifiku. Id-*dossiers* ta' restrizzjoni jistgħu jiġu ppreparati minn Stat Membru jew mill-ECHA (fuq talba tal-Kummissjoni Ewropea). Id-*dossiers* għandhom jinkludu, fost ħwejjeġ oħra, informazzjoni dwar il-perikli u r-riskji li jqajmu tħassib, l-informazzjoni disponibbli dwar l-alternattivi, u ġustifikazzjonijiet li azzjoni fuq bażi Komunitarja hija meħtieġa u li r-restrizzjoni skont REACH hija l-iktar miżura xierqa.

Il-Kumitat tal-Istima tar-Riskji tal-ECHA (RAC) u l-Kumitat ta' Analiżi Soċjoekonomika (SEAC) jivverifikaw il-konformità tad-*dossiers* u, jekk ikun meħtieġ, jitolbu lill-Istat Membru jew lill-ECHA biex jirrimedjaw kwalunkwe nuqqas. Imbagħad, il-Kumitati għandhom jagħtu l-opinjonijiet tagħhom dwar ir-restrizzjonijiet suġġeriti fi żmien 9 u 12-il xahar rispettivament. Matul dak il-perjodu, il-partijiet interessati jingħataw l-opportunità biex jikkummentaw dwar id-*dossier* u l-abbozz ta' opinjoni tal-SEAC. L-ECHA tikkoordina dawn il-proċessi ta' konsultazzjoni. L-opinjonijiet u d-dokumenti ta' sostenn li l-ECHA tibgħat lill-Kummissjoni Ewropea jeħtieġ ikunu komprensivi biex il-Kummissjoni Ewropea tkun tista' tabbozza, fi żmien 3 xhur minn mindu din tirċievi l-opinjonijiet, l-emendi għall-Anness li jkunu jinkludu r-restrizzjonijiet.

It-Titolu tar-Regolament REACH dwar ir-restrizzjonijiet għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2009. Huwa previst li fl-2009 in-numru ta' *dossiers* ta' restrizzjoni se jkun wieħed limitat, iżda dan jiżdied għal madwar 10 kull sena minn hemm 'il quddiem.

#### *Dossiers* ta' restrizzjoni tranżizzjonali

Hemm madwar 25 *dossier* dwar sustanzi li ġew prijoritizzati skont ir-Regolament dwar is-Sustanzi Eżistenti[8] preċedenti li għal dawn ix-xogħol dwar il-valutazzjoni tar-riskji u dwar l-istrateġiji biex jiġu limitati r-riskji identifikati ma setax jiġi ffinalizzat qabel id-dħul fis-seħħ ta' REACH. Ir-Regolament REACH jeħtieġ li l-Istati Membri jiddokumentaw l-informazzjoni dwar il-perikli u r-riskji kollha kif ukoll l-istrateġiji biex jiġu limitati r-riskji minn dawn is-sustanzi, u li jippreżentaw id-*dossiers* li jikkorrispondu lill-ECHA sal-1 ta' Diċembru 2008. Uħud minn dawn id-*dossiers* jistgħu jinkludu proposta għal restrizzjoni.

Dawn id-"*dossiers* tranżizzjonali" li jinkludu proposti ta' restrizzjoni jintbagħtu lill-RAC u lill-SEAC biex jiġu diskussi bħala każijiet ta' studji skont l-istess mod kif isir fi proċedura ta' restrizzjoni reali.

---

[7] Direttiva 76/769/KEE

[8] Regolament (KE) Nru 793/93

Dawn id-diskussjonijiet jintużaw biex jiffaċilitaw l-iżvilupp tal-andament tax-xogħol, inkluż il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ Kumitati, kif ukoll il-kontenut tal-kontroll tal-konformità u l-opinjonijiet. Dan ix-xogħol jista' jgħin ukoll biex ikun żgurat l-ipproċessar effiċjenti ta' dawn id-*dossiers* wara l-1 ta' Ġunju 2009, meta t-Titolu tar-Regolament REACH dwar ir-restrizzjonijiet ikun daħal fis-seħħ.

### 3.4 Klassifikazzjoni u ttikkettar

**Miri ewlenin għall-2009-2012**
- Twaqqif ta' Inventarju tal-Klassifikazzjonijiet u l-Ittikkettar, fejn informazzjoni mhux kunfidenzjali ssir disponibbli għall-pubbliku u tittratta x-xogħol;
- Ġestjoni b'mod effikaċi tal-proċedura għall-proposti mill-MSCAs għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati ta' ċerti sustanzi perikolużi;
- Trasmissjoni tad-diskussjoni d-*dossiers* li ma ġewx finalizzati skont id-Direttiva 67/548/KEE lill-Kumitat tal-Istima tar-Riskji kif ukoll l-adozzjoni tal-opinjonijiet.

Il-klassifikazzjoni tirrifletti l-perikli tas-sustanzi kimiċi filwaqt li l-ittikkettar jiżgura li s-sustanzi jkunu manifatturati, użati u jintremew bla periklu.

Ir-Regolament REACH jidentifika żewġ kompiti li l-ECHA għandha tagħmel fir-rigward tal-klassifikazzjoni u l-ittikkettar ta' sustanzi perikolużi: li jiġi stabbilit Inventarju ta' Klassifikazzjonijiet u Ttikkettar u li l-MSCAs jieħdu ħsieb il-proċedura tal-proposti għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati ta' ċerti sustanzi. Barra minn hekk, ir-Regolament CLP jippermetti lill-fornituri tas-sustanzi kimiċi biex jippreżentaw proposti għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati.

**Ħolqien ta' Inventarju ta' Klassifikazzjonijiet u Ttikkettar (Inventarju C&L)**

Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Diċembru 2010, l-industrija għandha tinnotifika lill-ECHA dwar il-klassifikazzjoni u l-ittikkettar (C&L) ta' sustanzi li jitqiegħdu fis-suq u jkunu:

- suġġetti għar-reġistrazzjoni (jiġifieri b'limitu ta' tunnellata jew aktar fis-sena) jew
- li ma jkunux suġġetti għar-reġistrazzjoni (jiġifieri jkunu taħt il-limitu ta' 1 tunnellata fis-sena u/jew barra l-ambitu tat-Titolu tar-Regolament REACH dwar ir-reġistrazzjoni) iżda li jkunu jridu jiġu kklassifikati bħala perikolużi (jew waħedhom jew f'taħlitiet) skont id-Direttiva 67/548/KEE jew id-Direttiva 1999/45/KEE.

L-informazzjoni dwar il-klassifikazzjonijiet u l-ittikkettar titressaq bħala parti mid-*dossiers* tar-reġistrazzjoni jew bħala notifka bl-użu ta' REACH-IT u l-IUCLID 5. Ma jitħallsu l-ebda spejjeż għal dawn in-notifiki. L-ECHA għandha tistudja l-possibbiltà biex tissimplifika l-proċedura tan-notifika għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

L-ECHA għandha żżomm l-informazzjoni ppreżentata mill-industrija u tagħmel il-parti mhux kunfidenzjali disponibbli pubblikament permezz tas-sit elettroniku tagħha. Barra minn hekk, l-entrati armonizzati li jorbtu ġuridikament, jew li bħalissa huma elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 67/548/KEE jew li se jiżdiedu aktar tard skont ir-regoli tar-Regolamenti REACH u CLP rispettivament, għandhom jinżammu fl-Inventarju C&L. L-ECHA għandha tqabbel l-entrati individwali ppreżentati mill-industrija ma' entrati oħra fl-inventarju għall-istess sustanza (jew armonizzati jew minn notifikaturi oħra). F'każijiet fejn għall-istess sustanza ikun hemm differenzi fl-entrati minn reġistranti jew notifikaturi differenti, l-industrija tintalab tagħmel kull sforz biex ikun hemm entrata komuni.

Huwa mistenni li sad-data ta' skadenza tal-1 ta' Diċembru 2010 se jkunu waslu madwar 130 000 notifika ta' C&L, bl-ogħla ammont jintlaħaq fl-2010. Wara dik id-data huwa mistenni li sal-

2018 se jaslu madwar 17 000 *dossier* kull sena. Il-proċess sħiħ huwa intiż li jkun ibbażat l-aktar fuq l-IT, segwit f'ċerti każijiet minn validazzjoni manwali mill-persunal tal-ECHA.

**Ġestjoni tal-proposti għall-Klassifikazzjoni u l-Ittikkettar armonizzati (C&L)**
L-MSCAs jistgħu jippreżentaw il-proposti għall-C&L armonizzati għal sustanzi li huma CMRs, għas-sensibilizzaturi [alleġeni] respiratorji u, fuq bażi ta' każ b'każ, għal sustanzi li jkollhom effetti perikolużi oħra b'ġustifikazzjoni għal azzjoni fuq bażi Komunitarja. Skont ir-Regolament CLP, għal sustanzi pestiċidi jew bijoċidali attivi l-armonizzazzjoni sħiħa ta' C&L hija meħtieġa. Il-proċedura għall-preżentazzjoni tal-proposta tixbah lil dik deskritta aktar 'il fuq għall-identifikazzjoni tas-SVHC.

Skont ir-Regolament CLP, il-manifatturi, l-importaturi jew id-DUs jistgħu jippreżentaw il-proposti għas-C&L armonizzati skont klassijiet ta' perikli li għalihom ma teżisti l-ebda entrata armonizzata. Dawn jistgħu jitolbu wkoll l-użu ta' ismijiet kimiċi "ġeneriċi" alternattivi għal sustanzi f'taħlitiet, jekk jiġu sodisfatti numru ta' kriterji.

Id-*dossier* mill-MSCAs jew mill-manifattur, l-importatur jew l-utent *downstream* iforni l-bażi xjentifika li tiddetermina kif sustanza għandha tilħaq il-kriterji msemmija aktar 'il fuq. Dan id-*dossier* jiġi diskuss fi ħdan l-RAC, li jagħti opinjoni dwar il-C&L proposti wara li l-partijiet interessati jkunu ngħataw l-opportunità li jikkummentaw dwar id-*dossier*. L-opinjoni tal-RAC tintbagħat lill-Kummissjoni Ewropea, li tieħu deċiżjoni finali li twassal għall-C&L armonizzati.

Għad hemm numru ta' sustanzi li qed jistennew li jiġu kkunsidrati għall-klassifikazzjoni u l-ittikkettar armonizzati skont il-leġiżlazzjoni l-qadima dwar is-sustanzi kimiċi (id-Direttiva 67/548/KEE), u dawn huma mistennija li jiġu ppreżentati mill-ġdid lill-ECHA mill-MSCAs għal opinjoni mill-Kumitat tal-Istima tar-Riskji.

## 3.5 Parir u assistenza permezz ta' Gwida u *Helpdesks*

| **Miri ewlenin għall-2009-2012** |
|---|
| - Tlestija u tisħiħ tal-qafas ta' gwida u ttejjeb l-aċċessibbiltà tagħha; |
| - Tsiħiħ tan-netwerk permezz ta' *helpdesks* nazzjonali u adattament b'mod proattiv tar-rekwiżiti mibdula tal-utent. |

### 3.5.1 Gwida

Il-gwida tiddeskrivi metodi stabbiliti bi qbil dwar kif għandhom jiġu sodisfatti l-obbligi tar-Regolament REACH kemm mill-industrija u mill-MSCAs, bil-għan li titħaffef l-implimentazzjoni tiegħu. Il-gwida sservi bħala qafas ta' referenza preċiż, li jgħin lill-kumpaniji u lill-assoċjazzjonijiet tal-industrija biex jiżviluppaw soluzzjoni apposta u speċifika għas-settur ħalli jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom skont ir-Regolament REACH. Fil-bidu, id-dokumenti ta' gwida kienu żviluppati mill-Kummissjoni Ewropea, flimkien mal-partijiet interessati rilevanti fil-Proġetti ta' Implimentazzjoni ta' REACH (RIPs). Peress li kull RIP ġie ffinalizzat, l-ECHA issa saret hija stess responsabbli għal dawn id-dokumenti. L-Aġenzija issa hija responsabbli mill-ġestjoni tal-gwida, inkluż il-pubblikazzjoni, l-aġġornament u l-iżvilupp ta' gwida ġdida. Maż-żmien, il-gwida se jsir dokument tal-aħjar prattika li dwaru jkun hemm qbil ġenerali.

L-ECHA tiġbor ir-rispons sistematikament u tidentifika oqsma ta' żvilupp li jirriżultaw mill-esperjenza prattika tal-utenti tal-gwida. Dan ir-rispons jingħata mill-esperjenzi operattivi tal-ECHA, mill-*helpdesk* tal-ECHA u mill-utenti tal-gwida li ġejjin kemm mill-industriji kif ukoll mill-awtoritajiet nazzjonali. Il-parti rilevanti tal-gwida mbagħad tiġi aġġornata, inkluż l-inkorporazzjoni ta' esperjenzi minn prattiki tajba u żviluppi ġodda, bħall-adozzjoni tar-Regolament CLP. Fil-perjodu 2009-2012, l-ECHA se tiffoka biex tlesti l-gwida ġenerali, filwaqt li se żżomm l-gwida dwar ir-reġistrazzjoni aġġornata u se tiżviluppa aktar il-gwida dwar ix-xenarji ta' espożizzjoni, il-valutazzjonijiet tas-sigurtà kimika u r-rekwiżiti tal-informazzjoni. Barra minn hekk, għandha tiġi

żviluppata wkoll il-gwida dwar il-komunikazzjoni tar-riskji u dwar ir-reġistrazzjoni tas-sustanzi fi nanoskala.

Fl-2008, sabiex tkun żgurata l-iktar aċċettazzjoni wiesgħa possibbli, l-ECHA żviluppat proċedura ta' konsultazzjoni biex tiżgura l-involviment mill-qrib tal-partijiet interessati kif ukoll l-aċċess għall-ħiliet esperti ta' livell għoli biex tkun aġġornata l-gwida. Għal dan il-għan, l-ECHA żżomm *database* komprensiv ta' esperti xjentifiċi u ta' organizzazzjonijiet ta' partijiet interessati. L-aġġornamenti tal-gwida jinkludu l-iżvilupp u t-traduzzjoni possibbli tad-dokumenti ta' spjegazzjoni u tal-istrumenti ta' aċċess għall-gwida, bħall-*Mistoqsijiet Frekwenti (FAQs)*, *Skedi informattivi fil-qosor*, paġni apposta fuq l-internet għall-proċessi speċifiċi ta' REACH, in-Navigatur ta' REACH, l-iżvilupp tat-terminoloġija ta' REACH jew *Noti ta' Spjegazzjoni*.

### 3.5.2 *Helpdesk*

Il-*helpdesk* beda jopera mill-inawgurazzjoni tal-ECHA fl-1 ta' Ġunju 2007, u għalhekk kienet l-ewwel attività esterna regolari tal-ECHA. Dan jagħti parir lir-reġistranti (u lil atturi oħra ta' REACH li jippreżentaw id-dejta lill-ECHA) u lil kumpaniji li mhumiex tal-UE dwar l-użu tas-softwer IUCLID 5 u REACH-IT. Il-*helpdesk* tal-ECHA huwa responsabbli wkoll mill-implimentazzjoni tar-Regolament CLP.

Parti importanti mix-xogħol tal-*helpdesk* huwa li jforni sostenn għall-*helpdesks* nazzjonali stabbiliti mill-Istati Membri, partikolarment permezz tan-Netwerk ta' Korrispondenti tal-*Helpdesk* ta' REACH (REHCORN) u l-użu tal-għodda RHEP, pjattaforma ta' skambju bl-internet għall-armonizzazzjoni ta' tweġibiet għall-mistoqsijiet li jsiru mill-industrija. L-akbar ammont ta' xogħol huwa mistenni qabel l-ewwel żewġ dati ta' skadenza tranżizzjonali għar-reġistrazzjoni fl-2010 u fl-2013. Jista' jkun hemm ammont kbir ieħor ta' xogħol fil-kuntest ta' proċessi oħra ta' REACH. Il-*helpdesk* tal-ECHA għandha tkun proattiva biex tadatta l-attivitajiet tagħha ħalli tilqa' għal dan l-ammont kbir ta' xogħol.

L-ECHA se tkompli tappoġġja u tikkoordina n-netwerk tal-*helpdesks* f'livell nazzjonali u Ewropew. Se tingħata attenzjoni partikolari sabiex in-netwerk REHCORN isir aktar effiċjenti u dinamiku biex iforni l-aħjar servizz possibbli. Barra l-armonizzazzjoni tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet dwar ir-REACH, aspett importanti għalhekk se jkun li jiġi żviluppat aktar l-għarfien komuni li jkun aċċessibbli faċilment għall-atturi rilevanti kollha. Dan jinkludi, fost ħwejjeġ oħra, it-tisħiħ tal-pjattaforma tal-internet RHEP u li jiġi żgurat li din tintuża aktar, kif ukoll li jiġi stabbilit skambju regolari ta' uffiċjali mill-*helpdesks* nazzjonali.

## 3.6 Strumenti ta' sostenn għall-operazzjoni informatiċi

**Miri ewlenin għall-2009-2012**

- Tlestija tal-iżvilupp tal-funzjonijiet ta' REACH-IT;
- Żvilupp ta' strumenti informatiċi oħra meħtieġa għall-operazzjonijiet, partikolarment strumenti ta' sostenn għall-valutazzjoni tas-sustanzi.

L-istrumenti informatiċi ewlenin li jintużaw fl-ambitu tal-aspetti operattivi ta' REACH huma IUCLID 5 u REACH-IT. L-ECHA tuża u tamministra numru ta' applikazzjonijiet speċjalizzati oħra, bħall-istrumenti CSR li se tkun żviluppata aktar wara t-tnedija tagħha fil-ħarifa tal-2009. L-ECHA qed tiżviluppa wkoll strumenti u proċessi informatiċi biex jgħinu fil-prijoritizzazzjoni tad-*dossiers* tar-reġistrazzjoni għall-valutazzjoni.

REACH-IT hija sistema onlajn li tamministra l-komunikazzjoni bejn l-industrija, l-ECHA u l-Istati Membri kif ukoll il-flussi tax-xogħol interni tal-ECHA ikkonċernat mal-proċessi ta' REACH. Wara li jkunu tlestew il-funzjonijiet inizjali għall-industrija fl-2008, l-ECHA għandha żżomm u ssaħħaħ l-applikazzjoni matul il-ftit snin ta' wara. L-ewwel prijorità se tkun it-tkomplija tas-sistema REACH-IT għall-ġestjoni tal-valutazzjoni kif ukoll flussi tax-xogħol oħrajn, u t-tneħħija gradwali ta'

soluzzjonijiet “*work-around*”. Ir-REACH-IT jeħtieġ li jiġi aġġornat ulterjorment biex isir strument li jista’ jappoġġja lill-industrija, lill-ECHA u lil regolaturi oħra, kif ukoll lill-pubbliku biex ikunu jistgħu jikkonsultaw id-*databases* u jikkomunikaw onlajn.

IUCLID 5 jitqies bħala strument bażiku internazzjonali għall-ħażna u għall-iskambju ta’ dejta dwar il-proprjetajiet intrinsiċi u perikolużi ta’ sustanzi kimiċi. Id-*dossiers* dwar is-sustanzi kimiċi għandhom jiġu ppreżentati mill-ECHA fil-format IUCLID 5. L-ECHA qed tforni sostenn lill-utent finali kif ukoll il-ġestjoni ta’ proġetti. Bħala rispons għar-rekwiżiti tal-utent se jiġu implimentati wkoll moduli ġodda. Ir-relazzjonijiet mal-utenti tal-IUCLID se jkunu formalizzati permezz tal-Grupp ta’ Ġestjoni ta’ IUCLID (IMG), li se jkun f’kuntatt mill-qrib mal-grupp espert tal-IUCLID fi ħdan l-OECD.

Barra minn hekk, l-ECHA għandha tiżviluppa strument informatiku komprensiv li jiffaċilita l-preparazzjoni tax-Xenarji ta’ Espożizzjoni u r-Rapporti dwar is-Sigurtà Kimika (CSR) li f’ċerti każijiet huma meħtieġa għar-reġistrazzjonijiet, u tforni strument prattiku lill-kumpaniji biex ikunu jistgħu jikkalkolaw ir-riskji tal-emissjonijiet kimiċi. Fl-aħħar nett, l-Aġenzija għandha tiffoka fuq strument li għandu jgħin biex isir użu aħjar minn approċċi komputazzjonali alternattivi għal testijiet fuq l-annimali permezz tal-istrumenti (Q)SAR u strumenti ta’ analiżi simili. Xogħol ieħor għall-futur fil-qasam tar-reġistrazzjoni jinkludi aktar irfinar u funzjonijiet fil-proċess tar-reġistrazzjoni li matul il-preparazzjonijiet damu ħafna biex daħlu fis-seħħ, bħat-titjib fil-kontenut u fil-format tal-komunikazzjonijiet iġġenerati b’mod awtomatiku.

L-ECHA qed tiżviluppa b’mod regolari manwali li jispegjaw l-użu tal-istrumenti informatiċi kif ukoll aspetti oħra prattiċi dwar kif għandhom ikunu sodisfatti l-obbligi ta’ REACH.

### 3.7 Pariri xjentifiċi u prattiċi għall-iżvilupp ulterjuri tal-leġiżlazzjoni

L-ECHA għandha tagħti wkoll parir xieraq lill-Kummissjoni biex ikunu żviluppati aktar ir-Regolamenti REACH u CLP, kif ukoll kwalunkwe leġiżlazzjoni oħra relatata mas-sustanzi kimiċi u miżuri relatati mal-implimentazzjoni tagħha. Dan jinkludi wkoll kontributi biex jindirizzaw kwistjonijiet ġodda u oħrajn li qegħdin jinbtu, bħal li jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet ta’ nanomaterjali. L-ECHA għandha twettaq attivitajiet relatati mar-rapportar, tikkontribwixxi għall-valutazzjoni tal-effiċjenza u l-effikaċja ta’ REACH u tgħin lill-Kummissjoni fil-preparazzjoni tal-ewwel reviżjoni ta’ REACH ippjanata għall-2012.

## 4 Il-Korpi tal-ECHA u l-attivitajiet ta’ sostenn

### 4.1 Segretarjat

| **Miri ewlenin għall-2009-2012** |
|---|
| - Qadi bl-aħjar mod possibbli tal-kompiti assenjati lilu mir-Regolament REACH filwaqt li jissodisfa r-rekwiżiti ta’ ġestjoni tajba u ma’ prattiki regolatorji tajba. |

Il-persunal operattiv u amministrattiv jaħdmu taħt it-tmexxija tad-Direttur Eżekuttiv u huma responsabbli biex jagħtu sostenn tekniku, xjentifiku u amministrattiv lill-Kumitati u lill-Forum u biex jiżguraw koordinament tajjeb bejniethom. Is-Segretarjat iwettaq xogħol relatat mal-operazzjonijiet ta’ REACH u jipprepara gwida, iżomm id-*databases* u jforni informazzjoni u sostenn.

### 4.2 Kumitati u Forum

| **Miri ewlenin għall-2009-2012** |
|---|
| - Għoti ta’ opinjonijiet f’waqthom, biex id-Direttur Eżekuttiv jew il-Kummissjoni Ewropea jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet fuq bażi xjentifika u informata; |

- Jiġi żgurat l-ogħla numru possibbli ta' ftehimiet unanimi fil-Kumitat tal-Istati Membri (MSC), partikolarment biex tiżgura li l-"lista ta' kandidati" ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna tkun tista' tiġi aġġornata ta' spiss;
- Titjib b'mod sinifikanti tal-armonizzazzjoni tal-infurzar tar-Regolament REACH, partikolarment bil-koordinament ta' proġetti ta' infurzar armonizzat.

### 4.2.1 Kumitat tal-Istima tar-Riskji u Kumitat ta' Analiżi Soċjoekonomika

Il-Kumitati huma parti integrali mill-ECHA u għandhom rwol importanti biex iwettqu l-kompiti tagħha. L-ECHA ħadet f'idejha r-rwol ta' ċerti Kumitati tal-Kummissjoni Ewropea meta tiġi biex tagħti opinjonijiet xjentifiċi fil-qasam tal-kompetenza tagħha. Il-membri tal-Kumitati huma esperti maħtura mill-Bord ta' Tmexxija tal-ECHA fuq il-bażi ta' proposta mill-Istati Membri.

Il-Kumitat tal-Istima tar-Riskji (RAC**)** jagħti opinjonijiet dwar proposti għal C&L armonizzati tas-sustanzi kimiċi, dwar proposti għal restrizzjonijiet ta' sustanzi kif ukoll dwar l-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni. Il-Kumitat ta' Analiżi Soċjoekonomika (SEAC) jagħti opinjonijiet dwar fatturi soċjoekonomiċi relatati mal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, dwar id-disponibbiltà u l-fattibbiltà teknika u ekonomika tal-alternattivi, kif ukoll dwar restrizzjonijiet proposti u l-impatt soċjoekonomiku tagħhom. L-attivitajiet taż-żewġ Kumitati jitmexxew b'mod parallel, u l-opinjonijiet jingħataw fi żmien 10 u 18-il xahar mid-data tal-irċevuta, u wara konsultazzjoni pubblika. Kemm l-RAC kif ukoll l-SEAC jistgħu jintalbu wkoll mid-Direttur Eżekuttiv biex jagħtu opinjonijiet jew kwalunkwe aspett ieħor fil-qasam tal-għarfien espert tagħhom. Il-Kumitati huma ta' importanza kbira għall-funzjonament tajjeb u effiċjenti ta' REACH u għall-kredibbiltà tal-ECHA biex tiggarantixxi l-indipendenza, l-integrità xjentifika u t-trasparenza tagħha.

L-RAC jagħti opinjonijiet fi tliet proċessi differenti, għalkemm relatati ħafna ma' xulxin. Peress li kull wieħed minn dawn il-proċessi jista' jkun ikkonċernat ma' elementi differenti ta' valutazzjoni tal-periklu jew tar-riskju u ta' ġestjoni tar-riskju, tkun meħtieġa medda wiesgħa ta' għarfien espert. Din tinkludi għarfien espert biex jiġu deċiżi l-kwalità u l-adegwatezza tal-istimi tar-riskji u l-miżuri proposti għall-ġestjoni tar-riskju, kif ukoll biex ikunu vvalutati l-kwalità u l-validità xjentifika tal-applikazzjoni tal-kriterji fil-proposti għal C&L armonizzati.

L-SEAC jagħti opinjonijiet li jistgħu jkopru medda kbira ta' oqsma ta' kompetenza, fosthom il-kwalità u l-validità xjentifika tal-valutazzjonijiet soċjoekonomiċi relatati mal-għoti jew ir-rifjut ta' awtorizzazzjoni jew mal-impożizzjoni ta' restrizzjoni, il-valutazzjoni tad-disponibbiltà, l-idoneità u l-fattibbiltà teknika tal-alternattivi, u jiġġudika l-kwalità u l-adegwatezza tar-restrizzjonijiet proposti. Peress li l-SEAC m'għandu l-ebda korp komparabbli direttament skont il-leġiżlazzjoni preċedenti dwar is-sustanzi kimiċi, il-bidu tiegħu rrappreżenta sfida impenjattiva sew.

L-ECHA hija responsabbli biex tmexxi u tipprepara l-laqgħat tal-Kumitat u tal-gruppi ta' ħidma *ad hoc*, li jistgħu jinkludu Membri miż-żewġ Kumitati biex ikun iffaċilitat il-koordinament tax-xogħol. Jekk ikun meħtieġ, l-ECHA tforni wkoll sostenn lill-Membri tal-Kumitat li jkunu nħatru bħala *rapporteurs* għal *dossiers* speċifiċi. In-numru ta' laqgħat jiddependi fuq ix-xogħol li jkun hemm u, għaldaqstant, ukoll fuq l-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea, pereżempju meta dawn ikunu l-inizjaturi ta' proċeduri ta' restrizzjoni. Il-laqgħat tal-Kumitat huma ppjanati li jsiru qisu kull xahrejn jew tliet xhur.

Ix-xogħol taż-żewġ Kumitati u l-koordinament tal-opinjonijiet dwar *dossiers* li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-industrija huma impenjattivi ħafna f'termini ta' żmien biex ikunu adottati dawn l-opinjonijiet. L-innovazzjoni tal-SEAC hija l-isfida addizzjonali li teħtieġ xogħol metodoloġiku serju li għandu jitlesta qabel ma jiġu eżaminati l-ewwel każijiet lejn l-aħħar tal-2009. Ix-xogħol taż-żewġ Kumitati huwa mistenni li jiżdied sew mill-2012 'il quddiem.

### 4.2.2 Kumitat tal-Istati Membri

Il-Kumitat tal-Istati Membri tal-ECHA (MSC) jikkonsisti minn membri maħtura minn u li jirrappreżentaw kull Stat Membru. L-għan tiegħu huwa li jsolvi d-diverġenzi li jista' jkun hemm fl-opinjonijiet dwar abbozzi ta' deċiżjonijiet proposti mill-ECHA rigward il-valutazzjoni ta' proposti ta' ttestjar jew kontrolli ta' konformità bħala parti mill-valutazzjoni ta' *dossier*, rigward abbozzi ta' deċiżjonijiet proposti mill-Istati Membri dwar il-valutazzjoni ta' sustanzi kimiċi, kif ukoll dwar proposti għall-identifikazzjoni ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna (SVHC). Fejn l-MSC ma jilħaqx ftehim unanimu, l-opinjoni tiegħu tintbagħat lill-Kummissjoni Ewropea għal deċiżjoni finali. Il-Kumitat jagħti wkoll opinjoni dwar il-proposti tal-ECHA għall-prijoritizzazzjoni ta' SVHC li jridu jiġu awtorizzati u dwar il-Pjan ta' Azzjoni Komunitarju Rikorrenti dwar is-sustanzi li jridu jiġu vvalutati.

Il-kompiti tal-MSC jeħtieġu deliberi xjentifiċi dettaljati dwar medda wiesgħa ta' oqsma xjentifiċi li jvarjaw mill-aħjar użu ta' metodi differenti ta' ttestjar biex tinkiseb l-informazzjoni dwar il-perikli tas-sustanzi u l-valutazzjoni tal-persistenza ambjentali tas-sustanzi sal-qbil dwar prijoritajiet biex is-SVHC jitniżżlu fil-"lista tal-awtorizzazzjoni".

Huwa mistenni li bejn l-2009 u l-2012 l-MSC ikun irid ilaħħaq aktar man-numru dejjem jikber ta' abbozzi ta' deċiżjonijiet li jiġu mill-kontrolli ta' konformità dwar id-*dossiers* tar-reġistrazzjoni. B'mod parallel, il-"lista ta' kandidati" ta' SVHC jeħtieġ tiġi aġġornata regolarment. Għaldaqstant ikun meħtieġ numru kbir ta' laqgħat. In-numru ta' abbozzi ta' deċiżjonijiet għall-proposti ta' ttestjar li qed ikunu ttrattati mill-MSC jiddependi fuq kemm l-Istati Membri jikkummentaw dwarhom, però dan huwa mistenni li jiżdied għal diversi mijiet fis-sena matul il-perjodu 2010-2012, u għaldaqstant jaffettwa n-numru ta' laqgħat tal-Kumitat. Mill-2010 sal-2012, il-valutazzjoni tad-*dossier* għandha tifforma parti mix-xogħol tal-MSC. Il-Kumitat huwa mistenni li jibda x-xogħol dwar il-valutazzjoni tas-sustanzi fl-2012.

### 4.2.3 Forum

Ir-Regolament REACH jeħtieġ li kull Stat Membru jistabbilixxi sistema ta' kontrolli uffiċjali u attivitajiet oħra xierqa għaċ-ċirkostanzi. L-infurzar effikaċi, armonizzat u ugwali fil-Komunità kollha huwa ta' importanza kbira għall-kredibbiltà u s-suċċess ta' REACH. Il-Forum jiffunzjona bħala bażi għall-Istati Membri biex jiskambjaw l-informazzjoni u biex jikkoordinaw l-attivitajiet ta' infurzar tagħhom, inkluż l-infurzar tar-Regolament CLP. Dan jitmexxa mir-rappreżentanti tal-Istati Membri iżda jkun appoġġjat minn segretarjat iffurmat mill-impjegati tal-ECHA.

L-impatt tal-konklużjonijiet jew l-inizjattivi tal-Forum jiddependu fuq l-involviment tal-membri u l-kapaċità tagħhom li jimmobilizzaw ir-riżorsi tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-infurzar. Għal din ir-raġuni huwa diffiċli li tistima eżattament kemm il-Forum għandu xogħol. Madankollu, l-ECHA tenfasizza l-infurzar u tappoġġja l-involviment attiv tal-Istati Membri f'attivitajiet ta' infurzar armonizzati kulfejn ikun possibbli.

Il-Forum iwettaq dawk l-attivitajiet li jkunu inklużi fil-programm ta' ħidma li jiġi aġġornat regolarment; l-ewwel programm ta' ħidma kien stabbilit għall-2008–2010 u huwa disponibbli fuq is-sit tal-ECHA. Fil-fażi inizjali tiegħu l-Forum qed jiffoka l-attivitajiet tiegħu fuq il-kjarifika tal-kompiti tal-uffiċjali tal-infurzar ta' REACH u fuq l-elaborazzjoni tal-aħjar prattiki. L-involviment tal-Forum f'numru ta' "proġetti kkoordinati", pereżempju dwar l-infurzar tar-regola "ebda dejta, ebda suq" għall-pre(reġistrazzjoni), huwa ta' importanza kbira.

Il-Forum għandu jiżviluppa strateġiji ta' infurzar u kriterji minimi għall-infurzar ta' REACH, billi jwettaq proġetti armonizzati u jipprepara materjali ta' gwida u materjali ta' taħriġ għall-ispetturi. Barra minn hekk, dan għandu jikkoopera mal-RAC u mal-SEAC biex jagħti parir dwar l-inforzabbiltà tar-restrizzjonijiet dwar is-sustanzi li huma proposti.

### 4.3 Bord tal-Appell

| **Miri ewlenin għall-2009-2012** |
|---|
| - Teħid ta' deċiżjonijiet ta' kwalità għolja mingħajr dewmien għall-bini tal-fiduċja tal-partijiet interessati fil-proċedura tal-appell;<br>- Ġestjoni tal-ammont kbir ta' xogħol li jirriżulta mill-ewwel data ta' skadenza għar-reġistrazzjoni fl-2010;<br>- Forniment ta' *input* lill-Kummissjoni biex taġġusta u ssaħħaħ ir-Regoli ta' Proċedura wara l-ewwel ftit snin ta' esperjenza, sabiex tkun żgurata l-effiċjenza proċedurali. |

Il-Bord tal-Appell huwa parti integrali mill-ECHA, iżda dan jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'mod awtonomu. Dan jikkonsisti minn President u żewġ membri, li jista' ma jkollhom l-ebda xogħol ieħor fl-ECHA. Jistgħu jinħatru membri oħra jekk l-appelli jkunu jeħtieġu jiġu pproċessati b'rata aktar sodisfaċenti. Il-membri tal-Bord tal-Appell jinħatru mill-Bord ta' Tmexxija tal-ECHA fuq il-bażi ta' lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni Ewropea. Għat-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu l-Bord tal-Appell ikun megħjun mir-Reġistru.

Il-Bord tal-Appell huwa responsabbli biex jiddeċiedi dwar appelli li jkunu tressqu kontra ċerti deċiżjonijiet meħuda mill-ECHA. Id-deċiżjonijiet li kontrihom jista' jitressaq appell jinkludu r-rifjut ta' reġistrazzjonijiet, kondiviżjoni tad-dejta, eżamijiet għal proposti ta' ttestjar, kontroll tal-konformità tar-reġistrazzjonijiet, valutazzjoni ta' sustanzi jew eżenzjonijiet mill-obbligu ġenerali biex ikun reġistrat prodott u proċess orjentat lejn ir-riċerka u l-iżvilupp, kif ukoll, possibbilment taħt Regolament CLP ieħor fil-futur, deċiżjonijiet dwar l-użu ta' ismijiet alternattivi għal sustanzi f'taħlitiet. Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell jistgħu jkunu kkontestati billi tittieħed azzjoni quddiem il-Qrati Komunitarji.

In-numru ta' appelli ppreżentati quddiem il-Bord tal-Appell jiddependi fuq in-numru ta' deċiżjonijiet meħuda mill-ECHA. Ir-riżorsi tal-Bord tal-Appell u tar-Reġistru tiegħu ġew stabbiliti abbażi tal-istima li quddiemu jitressqu madwar 200 appell fis-sena, ħlief fl-2010 meta n-numru huwa mistenni li jirdoppja. Dawn l-istimi għandhom jiġu rfinuti fuq il-bażi tal-esperjenza li tinkiseb wara l-2009.

L-isfida ewlenija għall-Bord tal-Appell huwa li juri l-kapaċità li jieħu deċiżjonijiet ta' kwalità għolja malajr u li jibni ġurisprudenza konsiderevoli. Għandu jkun stabbilit *database* ta' każistika rilevanti li jkun komprensiv u faċli biex tużah biex l-appellanti potenzjali jkunu jistgħu jagħmlu deċiżjonijiet kunfidenti u informati dwar jekk jappellawx jew le u safejn jistgħu jappellaw. Il-Bord tal-Appell għandu jiżviluppa wkoll gwida xierqa dwar il-proċedura tal-appell, sabiex inaqqas id-dewmien jew ir-rifjuti kkawżati minħabba żbalji proċedurali.

### 4.4 Komunikazzjoni

| **Miri ewlenin għall-2009-2012** |
|---|
| - Promozzjoni tad-dehra tal-Aġenzija bħala msieħeb affidabbli;<br>- Sensibilizzazzjoni u għarfien aħjar dwar ir-REACH, biex tgħin fl-implimentazzjoni tiegħu;<br>- Żvilupp tal-kompetenzi ta' REACH, pereżempju bit-taħriġ tal-ħarrieġa. |

Il-politika tal-ECHA dwar il-komunikazzjoni hija stabbilita fl-*istrateġija ta' komumikazzjoni tal-ECHA*. L-attivitajiet ikopru l-iskambju ta' informazzjoni interna ma' atturi differenti fi ħdan l-ECHA, inklużi l-Kumitati u l-Forum, kif ukoll il-komunikazzjoni esterna mal-pubbliku f'sens usa'.

Il-komunikazzjoni mal-pubbliku ġenerali hija ta' importanza kbira għall-ECHA peress li din tappoġġja t-tfittxija ġenerali tagħha għall-onestà u t-trasparenza filwaqt li fl-istess ħin tissodisfa r-rekwiżiti għall-protezzjoni tad-dejta u s-sigurtà tad-dejta. L-għan tal-istrateġija ta' komunikazzjoni esterna tal-ECHA

huwa li tiżgura li r-rwol, il-valuri u l-ħidma tal-Aġenzija jkunu magħrufa, u li l-attivitajiet ta' komunikazzjoni jappoġġjaw l-għanijiet operattivi ġenerali tagħha. B'mod komplementari għall-attivitajiet ta' gwida u *helpdesk* tal-ECHA, il-komunikazzjoni esterna ttejjeb il-livell ta' għarfien dwar ir-REACH fil-kumpaniji u f'livell ta' Stat Membru. Għalhekk, il-ħtiġijiet tal-informazzjoni jridu jiġu sorveljati b'mod attiv sabiex titjieb il-komunikazzjoni. Għal dan il-għan l-ECHA għandha tiżviluppa aktar il-kooperazzjoni tagħha mal-partijiet interessati, sabiex tforni opportunitajiet apposta għall-iskambju ta' informazzjoni kif ukoll biex tikseb rispons u għarfien espert. Il-*workshops* annwali tal-ECHA se jkunu forum ewlieni għal dan it-tip ta' skambju.

Bis-saħħa tal-koordinament u tal-konsulenza, l-ECHA għandha tgħin fl-iżvilupp ta' komunikazzjoni ta' informazzjoni effikaċi dwar il-ġestjoni tar-riskji kimiċi f'livell Ewropew. Għal dan il-għan, ix-xogħol tan-Netwerk tal-Komunikazzjoni tar-Riskji stabbilit fl-2008 mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet tal-UE se jkun żviluppat aktar fil-perjodu 2009-2012.

L-istrument ta' komunikazzjoni ewlieni se jibqa' s-sit elettroniku tal-ECHA, filwaqt li l-*workshops* annwali u avvenimenti oħra għall-partijiet interessati, is-servizz effikaċi tal-istampa, u l-aħbarijiet elettroniċi se jkollhom rwol ikbar hekk kif se jkompli jiżviluppa l-operat tal-ECHA. Skont il-pubbliku fil-mira u t-tip ta' dokumenti, għandhom ikunu fornuti traduzzjonijiet.

Biex tissaħħaħ il-fehma komuni u biex tingħata informazzjoni aġġornata dwar l-implimentazzjoni ta' REACH, l-ECHA qed tforni taħriġ dwar ir-REACH lil ħarrieġa li ġejjin mill-Istati Membri. L-ECHA għandha tiddefinixxi mill-ġdid u tiżviluppa aktar il-programmi ta' taħriġ tagħha dwar ir-REACH kemm għall-persunal tal-ECHA kif ukoll għall-esperti tal-Istati Membri li jridu jibqgħu aġġornati mal-iktar żviluppi tekniċi u xjentifiċi reċenti f'dan il-qasam.

Fil-perjodu li jwassal għall-ewwel data ta' skadenza tar-reġistrazzjoni, il-messaġġi ewlenin ta' komunikazzjoni tal-ECHA se jikkonċernaw l-aktar il-lista ta' sustanzi prereġistrati, is-SVHC, ir-reġistrazzjoni u l-kondiviżjoni tad-dejta, kif ukoll il-klassfikazzjoni u l-ittikkettar. Mill-2011 'il quddiem, l-attenzjoni ddur aktar lejn is-sostituzzjoni tas-SVHC, il-konsultazzjonijiet, u l-informazzjoni għall-pubbliku ġenerali dwar is-sustanzi kimiċi.

### 4.5 Relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet tal-UE u kooperazzjoni internazzjonali

**Miri ewlenin għall-2009-2012**

- Twaqqif ta' relazzjonijiet tajbin u netwerk ta' kollaborazzjoni mal-istituzzjonijiet tal-UE u entitajiet simili fl-UE;
- Kontribut għax-xogħol tal-OECD relatat mar-REACH.

#### 4.5.1 Relazzjonijiet ta' ħidma mal-istituzzjonijiet u l-kopri tal-UE

Fil-perjodu 2009-2012 l-ECHA għandha ssaħħaħ aktar il-kooperazzjoni tagħha mal-istituzzjonijiet tal-UE, partikolarment mal-Parlament Ewropew u mal-Kummissjoni.

Ir-Regolament REACH jipprovdi għal qafas orizzontali li japplika għall-parti l-kbira tas-sustanzi kimiċi manifatturati jew imqiegħda fis-suq Ewropew. Għalhekk, f'ħafna okkażjonijiet l-attivitajiet tal-ECHA jolqtu lill-korpi Komunitarji involuti fil-leġiżlazzjoni speċifika għas-settur rigward il-valutazzjoni u l-ġestjoni ta' riskji minn sustanzi kimiċi. Għal din ir-raġuni, l-ECHA għandha tikkoopera ma' dawn l-entitajiet, sabiex ikunu evitati xogħol doppju kif ukoll opinjonijiet xjentifiċi kunfliġġenti, b'mod partikolari mal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) u mal-Kumitat Konsultattiv tal-Kummissjoni Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, fejn ikunu kkonċernati kwistjonijiet li jolqtu l-ħarsien tal-ħaddiema. Għandha ssir ukoll kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMEA) u mal-Kumitati Xjentifiċi mhux tal-ikel tal-Kummissjoni Ewropea.

Relazzjonijiet ta' ħidma regolari huma mistennija li jiġu stabbiliti wkoll mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), maċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea (JRC) kif ukoll mal-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA). Barra minn hekk, se jiġu stabbiliti kuntatti ma' korpi ta' politika u finanzjament għar-riċerka, inkluż id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, bil-għan li jkunu kkomunikati il-ħtiġijiet xjentifiċi li jirriżultaw mir-Regolament REACH. L-ECHA għandha tistruttura dawn is-sħubiji, pereżempju billi toħloq netwerk ta' kollaborazzjoni ma' korpi simili fl-UE jew billi tiżviluppa Memoranda ta' Ftehim.

### 4.5.2 Relazzjonijiet ta' ħidma ma' korpi tar-riċerka internazzjonali

L-ECHA għandha tiffoka wkoll biex tagħmel l-informazzjoni xjentifika dwar is-sustanzi kimiċi disponibbli u aċċessibbli għall-ħtiġijiet tar-riċerka. Fl-istess ħin, l-Aġenzija għandha tistabbilixxi kuntatti tajbin u li jiffunzjonaw mal-komunità xjentifika, mal-ambjenti akkademiċi u ma' aġenziji nazzjonali biex tiżgura li l-ħtiġijiet tar-riċerka li jirriżultaw mir-Regolament REACH jiġu kkomunikati kif xieraq u li din tirċievi informazzjoni aġġornata mingħand il-komunità xjentifika.

### 4.5.3 Relazzjonijiet ta' ħidma ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali

Il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tal-politika dwar is-sustanzi kimiċi taqa' fi ħdan il-mandat tal-Kummissjoni Ewropea. L-ECHA għandha tforni sostenn għal dawn l-attivitajiet internazzjonali fuq it-talba tal-Kummissjoni.

L-ECHA ntalbet biex tipparteċipa f'numru ta' attivitajiet organizzati mill-OECD li huma ta' rilevanza għall-implimentazzjoni ta' REACH, partikolarment il-ġestjoni tal-proġett tal-Portal Ġenerali għad-Dejta dwar il-Perikli (*Global Portal to Hazard Data)* u l-iżvilupp tal-QSAR-*Toolbox*. L-Aġenzija ntalbet ukoll biex tgħin fix-xogħol tat-*Task Force* dwar is-Sustanzi Eżistenti u tas-sottogruppi tagħha. Attivitajiet relatati oħra tal-OECD li l-ECHA hija involuta fihom jinkludu l-kontribut għax-xogħol tat-*Task Force* dwar il-Valutazzjoni tal-Espożizzjoni, il-Proġett dwar il-Mudelli Armonizzati (*Harmonised Templates*), kif ukoll ix-xogħol relatat ma' aspetti ta' saħħa u ambjentali tan-nanomaterjali.

Barra l-attivitajiet relatati mal-OECD, l-ECHA tappoġġja wkoll ix-xogħol tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Konvenzjoni ta' Stokkolma dwar il-Pollutanti Organiċi Persistenti (POPs). L-Aġenzija tista' torganizza wkoll konferenzi konġunti mal-OECD dwar temi speċifiċi. Barra minn hekk, l-ECHA ntalbet mill-Kummissjoni Ewropea biex torganizza jew tattendi laqgħat u konferenzi ma' pajjiżi terzi dwar ir-rekwiżiti ta' REACH u biex tforni taħriġ adegwat. Barra minn hekk, intalbet ukoll biex tgħin sabiex titjieb il-kooperazzjoni bejn il-Komunità u pajjiżi terzi billi tipparteċipa fl-iskambju tal-aħjar prattiki fl-oqsma koperti bil-mandat tagħha.

Biex tiżgura l-koordinament xieraq mal-Kummissjoni Ewropea f'dawn l-oqsma, l-ECHA għandha tibbaża l-attivitajiet tagħha fuq pjan ta' ħidma annwali miftiehem mal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe żmien titlob għal aktar sostenn mingħand l-ECHA.

L-ECHA tista' tistieden lir-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi biex jieħdu sehem fix-xogħol tal-Aġenzija jew bħala "membri attivi" (pajjiżi terzi) jew bħala osservaturi (organizzazzjonijiet internazzjonali). Dan huwa ta' rilevanza partikolari għall-pajjiżi taż-ŻEE, għall-pajjiżi fil-proċess ta' adeżjoni u dawk kandidati kif ukoll għall-OECD.

# 5 <u>Ġestjoni, Organizzazzjoni u Riżorsi</u>

## 5.1 Ġestjoni u Organizzazzjoni

| **Miri ewlenin għall-2009-2012** |
|---|
| - Titjib tal-Istandards ta' Kontroll Intern, partikolarment billi tistabbilixxi sistema ta' ġestjoni tar-riskju mifruxa mal-Aġenzija kollha; |

- Żvilupp ta' indikaturi ta' prestazzjoni biex jgħinu fil-ġestjoni tal-ECHA.

L-ogħla korp ta' teħid tad-deċiżjonijiet fl-ECHA huwa l-Bord ta' Tmexxija kompost minn 35 membru, li jikkonsisti minn rappreżentanti mis-27 Stat Membru tal-UE, tliet membri li jirrappreżentaw lill-Kummissjoni Ewropea, żewġ membri indipendenti maħtura mill-Parlament Ewropew u tliet rappreżentanti ta' partijiet interessati maħtura mill-Kummissjoni (dawn tal-aħħar bla dritt għall-vot)[9]. Fil-fażi inizjali, l-attivitajiet tal-Bord kienu ddominati mill-ħtieġa li jkun hemm fis-seħħ malajr kemm jista' jkun qafas ġenerali li jippermetti lill-Aġenzija biex tkun tista' topera b'mod sħiħ. Mill-2009 'l quddiem, il-Bord ta' Tmexxija se jkun jista' jikkonċentra fuq oqsma ewlenin, inkluż ir-reviżjoni ta' ċerti politiki ewlenin. Fl-istess waqt, il-Bord se jkompli janalizza u jadotta r-rapporti annwali, il-baġit u l-programmi ta' ħidma annwali u multiannwali tal-ECHA.

Il-ġestjoni ta' kuljum tal-ECHA huwa l-kompitu tad-Direttur Eżekuttiv. Dan iwettaq l-obbligi tiegħu b'mod indipendenti, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-Kummissjoni Ewropea u l-Bord ta' Tmexxija. Fil-bidu l-ECHA kienet maqsuma fi tliet direttorati, iżda l-iżvilupp mgħaġġel tal-Aġenzija wassal għall-ħolqien tar-raba' direttorat fi tmiem l-2008. Fil-futur jista' jkun hemm bżonn li jsiru xi aġġustamenti oħra fl-istruttura organizzattiva tagħha. Fost l-ikbar sfidi għall-ġestjoni matul il-perjodu 2009-2012 se jkun hemm li jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet jittieħdu skont il-proċeduri bażiċi tal-operazzjoni tal-ECHA u sa mhux aktar tard mill-iskadenzi previsti mil-liġi; li jkun hemm persunal biżżejjed fil-ħin u li jkun idoneu, u li jiġu żviluppati strumenti informatiċi li jiffunzjonaw kif ippjanat. Aspetti importanti oħra huma l-ġestjoni kumplessa u importanti ħafna tal-entrati, inkluż ir-rimborż għall-kompiti mwettqa mill-Istati Membri, u li jkunu żgurati komunikazzjonijiet esterni koerenti.

Fil-perjodu 2009-2012, ir-rekwiżiti għall-implimentazzjoni tal-Istandards tal-Ġestjoni, tal-Kwalità (ISO 9000:2000) u tal-Kontroll Intern tal-ECHA għandhom jiġi rfinuti, sabiex ikunu jistgħu jidħlu fl-istrutturi l-ġodda ta' Aġenzija li qed tiżviluppa malajr u jkunu adattati għal livell ta' riskju assoċjat mat-tħaddim effikaċi tal-operazzjonijiet. Minħabba l-iżvilupp mgħaġġel tal-ECHA, l-espansjoni progressiva fl-oqsma ta' operazzjoni ewlenin, u l-ambjent regolatorju tagħha li qed jinbidel, huwa mistenni li l-istima tar-riskju ġenerali u l-pjan ta' verifika li jirriżulta ikollhom jiġu aġġornati kull sena fuq bażi rikorrenti ta' tliet snin.

L-iżvilupp fil-politika tal-ECHA dwar is-sigurtà kif ukoll l-implimentazzjoni ta' pjanijiet ta' azzjoni relatati, kemm rigward l-informatika kif ukoll is-sigurtà fiżika, ġew identifikati bħala prijorità għal dawn il-ftit snin li ġejjin. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-istrutturi tal-ECHA f'dawk l-oqsma (l-informatika, il-ġestjoni tal-faċilitajiet, u l-organizzazzjoni ġenerali), il-formalizzazzjoni tal-proċeduri ewlenin, l-istabbiliment ta' pjan ta' kontinwità tal-attivitajiet, u l-iżvilupp ta' miżuri ta' sensibilizzazzjoni.

Fl-aħħar nett, il-ġestjoni trid tiżgura li l-ECHA tissodisfa l-obbligi ta' rapportar tagħha, partikolarment rigward l-ewwel rapport ta' tliet snin dwar metodi u strateġiji għal testijiet mhux fuq l-annimali, l-ewwel rapport ta' ħames snin lill-Kummissjoni Ewropea dwar il-funzjonament ta' REACH, u r-rapport dwar l-użu bla periklu ta' sustanzi kimiċi, li jridu jiġu ppreżentati fl-2011. Dan tal-aħħar għandu jkun il-kontribut tal-ECHA għar-reviżjoni tal-operazzjonijiet tagħha u l-ewwel rapport tal-Kummissjoni dwar ir-REACH fl-2012.

### 5.2 Baġit, finanzi u akkwist

**Miri ewlenin għall-2009-2012**
- Tkomplija tat-twettiq ta' pjanijiet affidabbli tal-baġit u tal-attivitajiet;
- Tlaħħaq b'mod effiċjenti mal-varjazzjonijiet mistennija fid-dħul mit-ħlasijiet.

[9] Fil-futur, l-Istati taż-ŻEE-EFTA se jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-Bord ta' Tmexxija, fil-Kumitati u fil-Forum, u f'dawn huma se jkollhom l-istess drittijiet u obbligi bħall-Istati Membri, ħlief għad-dritt tal-vot.

Minħabba ż-żieda pjuttost mgħaġġla fl-attivitajiet tal-ECHA u l-ħtieġa li jkun żgurat li l-ġestjoni finanzjarja tkun konformi mar-regoli u mar-regolamenti rilevanti tal-Komunità Ewropea, il-funzjoni tal-finanzi huwa proċess ta' sostenn importanti.

Biex tiffinanzja l-attivitajiet tagħha, l-ECHA tiddependi fuq is-sorsi ta' finanzjament li ġejjin:

1) Il-kontribuzzjoni Komunitarja mogħtija mill-Awtorità Baġitarja tal-UE (jiġifieri l-Parlament Ewropew u l-Kunsill);
2) Id-dħul iġġenerat minn ħlasijiet u spejjeż ieħor li l-ECHA tiġbor għall-prestazzjoni ta' kompiti assenjati lilha fl-ambitu tar-Regolamenti REACH u CLP. Barra minn hekk, parti żgħira mill-baġit tal-ECHA jiġi ffinanzjat mill-kontribuzzjoni taż-ŻEE; dan jiġi kkalkolat bħala perċentwal tal-kontribuzzjoni Komunitarja; u
3) Kwalunkwe kontribuzzjoni volontarja oħra mill-Istati Membri u mill-pajjiżi taż-ŻEE.

L-2009 se tkun l-aħħar sena kopert mill-perjodu tal-Perspettivi Finanzjarji attwali li fiha l-ECHA se tkun inkluża fl-ippjanar tal-Kummissjoni bħala li qed tirċievi kontribuzzjoni Komunitarja. Għalhekk, m'hemm l-ebda kontribuzzjoni Komunitarja ppjanata għas-snin 2010-2013; dan ifisser li huwa previst li matul dan il-perjodu l-ECHA se tkun kopriet b'mod sħiħ in-nefqa tagħha minn ħlasijiet u spejjeż oħra li jitħallsu lilha skont ir-Regolament dwar il-Ħlasijiet[10].

Peress li l-iskadenzi għar-reġistrazzjonijiet imposti bir-Regolament REACH x'aktarx li jikkawżaw varjazzjonijiet sinifikanti fil-livelli ta' dħul tal-ECHA minn sena għal oħra, bl-ewwel massa mistennija mad-data ta' skadenza tal-1 ta' Diċembru 2010 bl-involviment ta' madwar 20 000 reġistrazzjoni, ippjanar baġitarju effiċjenti kif ukoll il-ġestjoni tal-likwidità se jkunu importanti ħafna. Dan huwa ta' importanza akbar għaliex ir-Regolament dwar il-Ħlasijiet jipprovdi li proporzjon mill-ħlasijiet u spejjeż li jkunu nġabru għandhom jiġu ttrasferiti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri bħala remunerazzjoni għall-kompiti speċifiċi assenjati lilhom, filwaqt li jiżgura li jibqa' riżorsi finanzjarji biżżejjed għall-ECHA. Biex jilqgħu għall-isfidi imposti mill-inċertezzi tad-dħul, il-proċessi finanzjarji jridu jiġu riveduti fl-2009 fid-dawl ta' dejta ġdida ġġenerata bil-pubblikazzjoni tal-lista tas-sustanzi prereġistrati.

Ir-Regolament Finanzjarju preżenti tal-ECHA jeħtieġ ukoll jiġi emendat sabiex l-Aġenzija tkun tista' żżomm livelli raġonevoli ta' riżervi mid-dħul li tkun għamlet fi ħlasijiet u spejjeż oħra fi kwalunkwe sena partikolari, li jridu jintużaw biex itaffu l-livelli aktar baxxi ta' dħul fis-snin ta' wara. L-arranġamenti għall-użu ta' dawn ir-riżervi jridu jiġu ddefiniti u mpoġġija fil-prattika fl-2009.

Rigward l-akkwist u l-kuntratti, biex tiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti tar-Regolament REACH l-ECHA se tkompli testernalizza parti mill-attivitajiet operattivi tagħha. L-ikbar kuntratt qafas "għas-servizzi dwar kwistjonijiet tekniċi, xjentifiċi, ta' saħħa, ambjentali u soċjoekonomiċi li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tar-Regolament REACH" li tneda fil-bidu tal-2008 se jiskadi fl-2012, u għalhekk qabel sew dik id-data se tkun imnedija proċedura ġdida ta' tfigħ ta' offerti, jekk l-esperjenza miksuba tiġi kkunsidrata bħala waħda pożittiva. Biex l-ECHA tilqa' għall-isfidi li ġejjin mill-iżvilupp tal-ICT kif ukoll għall-ħtiġijiet amministrattivi tagħha, matul il-perjodu 2009-2012 trid tkompli ssir domanda konsiderevoli għal proċessi effiċjenti ta' akkwist u esternalizzazzjoni.

Qabel ma jkollha r-riżorsi umani meħtieġa f'posthom mill-2009 'l quddiem, għan ġenerali importanti għall-ġestjoni finanzjarja tal-ECHA hu li jsir l-aħjar użu mir-riżorsi finanzjarji disponibbli skont il-prinċipji tal-ekonomija, l-effiċjenza u l-effikaċja.

## 5.3 Riżorsi umani u infrastruttura

| **Miri ewlenin għall-2009-2012** |
|---|
| - Tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' riżorsi umani biżżejjed u ta' kwalità għolja biex jilħqu l-għanijiet tal-ECHA, bl-ingaġġ f'waqtu u bl-iżvilupp kontinwu tal-persunal eżistenti; |

[10] Regolament tal-Kummissjoni Ewropea (KE) 340/2008

| |
|---|
| - Jiġi żgurat qafas sod għall-ġestjoni u l-amministrazzjoni tal-persunal tal-ECHA inkluż ir-rappreżentanza xierqa tal-persunal;<br>- Jiġi garantit ambjent tax-xogħol ta' kwalità għolja għall-persunal tal-ECHA u għall-Kumitati skont l-ogħla standards ta' saħħa, sigurtà u ambjentali;<br>- Jiġi żgurat li l-proċessi amministrattivi jkollhom livell għoli ta' sostenn informatiku sabiex titjieb l-effiċjenza. |

**Riżorsi umani**

Il-politika tal-ECHA dwar ir-riżorsi umani għall-perjodu 2009-2011 hija stabbilita fil-Pjan Multiannwali dwar il-Persunal għall-2009-2011. Il-pjan ibassar li n-numru ta' persunal statutarju se jkun aktar mid-doppju.

Matul il-perjodu ta' rapportar, għandu jsir ukoll sforz kbir biex jitjiebu l-proċeduri amministrattivi tar-riżorsi umani, partikolarment bl-adozzjoni ta' soluzzjonijiet xierqa ta' ICT sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi dovuti għall-ġestjoni tan-numru ta' impjegati dejjem jikber. Għandha tingħata prijorità biex tkun żviluppata/tinħoloq u implimentata proċedura ta' applikazzjoni onlajn li tissimplifika s-selezzjoni tal-impjegati.

Fl-2009 sa jkun iffinalizzat il-qafas regolatorju għall-ġestjoni tal-persunal tal-Aġenzija, bl-adozzjoni mill-Bord ta' Tmexxija tar-regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolamenti għall-Persunal, kif ukoll l-istabbiliment tal-organi formali ta' djalogu soċjali fi ħdan l-Aġenzija, bl-istabbiliment tal-Kumitat tal-Persunal. Sa tmiem it-tielet sena l-aġenti temporanji kollha li ġew ingaġġati fuq kuntratt inizjali ta' ħames snin għandhom joqogħdu għal testijiet bil-miktub.

Il-preżenza tal-Kumitat tal-Persunal tiffaċilita l-iżvilupp ta' azzjonijiet bil-għan li jtejbu l-kundizzjonijiet ta' ħajja u ta' xogħol tal-impjegati biex tkun mħeġġa l-integrazzjoni tal-impjegati u tal-familji tagħhom fil-post il-ġdid tax-xogħol/residenza tagħhom. L-ewwel impjegati tal-Aġenzija li ġew ingaġġati fl-2007 se jkunu eliġibbli għall-promozzjoni fl-2009 u l-ECHA għandha tistabbilixxi eżerċizzju ta' riklassifikazzjoni annwali mill-2009 li jippermetti l-promozzjoni ta' dawn fuq bażi ta' mertu.

Se jkun żviluppat programm ta' taħriġ komprensiv li jkopri l-kompetenzi ġenerali ewlenin, bħall-istrumenti tat-teknoloġija tal-informazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll, u l-lingwi, sabiex sal-aħħar tal-2012 ikun żgurat l-iżvilupp kontinwu tal-karriera tal-persunal kollu kompost minn madwar 500 impjegat. Minħabba l-kumplessità tal-kompiti xjentifiċi li jridu jsiru, għandha tingħata prijorità għolja għat-taħriġ fuq il-post tax-xogħol, biex ikunu jistgħu jintużaw b'mod effikaċi l-għarfien espert tal-persunal li essenzjalment sawwar l-ECHA. Wara li l-impjegati l-ġodda jkunu ngħataw it-taħriġ tal-bidu, għandhom ikunu żviluppati u mħaddma skedi ta' taħriġ relatati mal-impjieg. B'hekk l-ECHA tkun tista' tuża r-riżorsi b'mod effiċjenti u tforni ppjanar fit-tul għall-ħtiġiet ta' taħriġ.

**Infrastruttura**

Il-kompiti tal-infrastruttura jinkludu l-ġestjoni tal-bini tal-Aġenzija; l-ECHA issa hija l-kerrej uniku peress li s-sid ħareġ f'Settembru 2008. Il-kuntratt il-ġdid ta' kera fit-tul iforni lill-ECHA b'sede stabbli u joffrilha wkoll il-possibbiltà li tixri l-bini.

It-tluq tas-sid se jwassal għal ħafna miżuri ta' infrastruttura u għall-akkwist ta' xogħlijiet ta' rinovazzjoni, oġġetti u servizzi li għandhom ikunu ppjanati u implimentati kif xieraq. Ix-xogħlijiet ta' rinovazzjoni se jsiru f'diversi fażijiet, skont il-ħtieġa għal aktar spazju hekk kif l-ECHA qed tkompli tespandi.

Iċ-ċentru tal-konferenzi fil-bini tal-ECHA huwa skedat li jibda jiffunzjona minn Jannar 2009. Il-faċilità taċ-ċentru tal-konferenzi teħtieġ tekniċi speċjalizzati biex iħaddmu u jżommu kemm iċ-ċentru nnifsu kif ukoll l-apparat awdjoviżiv modern installat fih.

L-ECHA trid ukoll tiżgura s-sigurtà fit-tul. L-Aġenzija se tkun qed tagħmel valutazzjonijiet tas-sigurtà skont l-ISO 27001, kif ukoll verifiki dwar is-saħħa fuq il-post tax-xogħol.

### 5.4 Teknoloġija Informatika u tal-Komunikazzjoni (ICT)

**Miri ewlenin għall-2009-2012:**
- Twaqqif, implimentazzjoni u żamma ta' linji gwida arkitettoniċi għall-Aġenzija kollha rigward l-infrastruttura teknika, l-applikazzjonijiet, l-istrutturi tad-dejta, il-proċessi u l-flussi tax-xogħol;
- Tisħiħ, promozzjoni u rfinar tal-aħjar prattika ta' governanza fit-twettiq ta' proġetti informatiċi;
- Massimizzazzjoni u garanzija tal-kontinwità, l-effiċjenza kif ukoll livell għoli ta' sigurtà fl-operazzjonijiet kollha tal-attivitajiet appoġġjati bl-informatika.

Il-funzjoni tal-ICT fl-Aġenzija tkopri medda wiesgħa ta' servizzi u ssostni medda kbira ta' ħtiġijiet tal-attivitajiet. Biex isir xogħol mingħajr karti f'ambjent fejn id-dejta tkun fiż-żgur u biex tintlaħaq il-ħtieġa dejjem tikber tal-istrumenti informatiċi deskritti fil-kapitoli preċedenti, is-servizzi tal-ICT għandhom jiġu organizzati fi gruppi (*cluster*) funzjonali ewlenin: il-ġestjoni tal-infrastruttura teknika; is-superviżjoni tal-operazzjonijiet; it-twettiq (jew is-sostenn għat-twettiq) ta' proġetti kbar; il-ġestjoni tal-applikazzjonijiet ewlenin u amministrattivi, inkluż is-sistema tal-ġestjoni tad-dokumenti; il-forniment ta' servizzi fil-ġestjoni ta' proġetti u l-assigurazzjoni tal-kwalità fil-prattiki tal-ġestjoni ta' proġetti; is-sorveljanza u l-infurzar ta' politiki dwar is-sigurtà.

Mill-2009 'l quddiem, il-funzjoni tal-ICT se tiffoka fuq l-integrazzjoni u l-armonizzazzjoni tas-soluzzjonijiet tekniċi li jintużaw bħala sostenn għar-Regolament REACH. Dawn jinkludu s-sistema REACH-IT innifisha, l-applikazzjonijiet provviżorji kollha li jintużaw bħala parti mill-pjan ta' kontinġenza kif ukoll is-sistemi ewlenin l-oħra eżistenti (pereżempju IUCLID5, CSA/CSR, eċċ.). Bħala l-parti ċentrali tal-proċess ta' integrazzjoni, fl-2009 għandha ssir reviżjoni u konsolidament tal-arkitettura ġenerali ta' REACH-IT flimkien mal-infurzar u l-konsolidament tal-infrastruttura u r-riżorsi tekniċi sottostanti (pereżempju, iċ-ċentru tad-dejta; l-irkupru minn diżastri; proċeduri; persunal). Il-konnessjonijiet siguri ta' netwerk mal-Awtoritajiet Kompetenti tal-Istat Membru (MSCAs) se jkunu estiżi, miżmuma u sorveljati skont il-politika u l-proċeduri stabbiliti tas-sigurtà. Dawn tal-aħħar jerġgħu jiġu riveduti u rfinuti skont l-istandard ISO 27001.

Mill-2009 'l quddiem, il-proġett, l-applikazzjonijiet u s-sistemi informatiċi ewlenin kollha se jitmexxew skont il-proċessi bażiċi ta' ġestjoni tal-Aġenzija, u għalhekk min-naħa waħda se jkunu konformi mal-kapaċità tal-unità tal-ICT li tappoġġja u tamministra u, min-naħa l-oħra, mal-linji gwida arkitettoniċi tal-ECHA. L-espansjoni u aktar ottimizzazzjoni tan-netwerk, tal-komunikazzjonijiet, tal-infrastruttura teknika u tas-sostenn lill-utent se jissoktaw sabiex ikun akkommodat in-numru dejjem jikber ta' impjegati.

## 6 ANNESSI

## Anness 1: Ħarsa ġenerali lejn il-kronoloġija tar-Regolamenti REACH u CLP, 2009-2012

| | Kronoloġija tar-Regolament |
|---|---|
| **2009** | ▪ Lista ta' sustanzi prereġistrati li għandha tiġi ppubblikata sal-1 ta' Jannar (Art. 28.4)<br>▪ L-ewwel rakkomandazzjonijiet tal-ECHA dwar l-inklużjoni ta' sustanzi kimiċi fil-lista ta' sustanzi suġġetti għall-awtorizzazzjoni (Anness XIV) sal-1 ta' Ġunju (Art. 58.3)<br>▪ It-Titolu VIII "Restrizzjonijiet" u l-Anness XVII japplikaw mill-1 ta' Ġunju (Art. 141.4)<br>(Il-Kummissjoni tikkompila l-inventarju tal-Anness XVII sa 1 ta' Ġunju (Art. 67.3) u tinkorpora kwalunkwe emenda għad-Direttiva dwar ir-Restrizzjonijiet wara d-data tad-dħul fis-seħħ.<br>Bejn l-1 ta' Ġunju 2009 sal-1 ta' Ġunju 2013 l-Istati Membri jistgħu jżommu r-restrizzjonijiet eżistenti jew oħrajn aktar stretti)<br>▪ Id-Direttiva 76/769/KEE (id-Direttiva dwar ir-Restrizzjonijiet) titħassar sal-1 ta' Ġunju |
| **2010** | ▪ L-ewwel data ta' skadenza għar-reġistrazzjoni ta' sustanzi li qed jiddaħħlu >1000 t/s, R50/53 > 100 t/s u CMR kat.1+2 sal-1 ta' Diċembru 2010 (Art. 23.1)<br>▪ L-ewwel rapport ta' 5 snin mill-Istati Membri–Kummissjoni dwar il-funzjonament ta' REACH sal-1 ta' Ġunju 2010 (Art. 117.1) – dan l-ewwel rapport ta' 5 snin għandu jinkludi aspetti ta' infurzar (Art. 127)<br>▪ Miżuri tranżizzjonali għar-restrizzjonijiet jintemmu fl-1 ta' Ġunju (Art. 137)<br>▪ In-notifiki ta' Klassifikazzjoni u Ttikkettar skont l-Art. 113 sal-1 ta' Diċembru (Art. 116)[11]<br>(It-Titolu XI "C&L" isir parti mir-Regolament GHS ladarba jkun adottat (Art. 41-43, 56.11 COM(2007)355 finali)) |
| **2011** | ▪ In-notifiki għal SVHC f'oġġetti jibdew mill-1 ta' Ġunju, sitt xhur wara li s-sustanza tkun ġiet inkluża fil-'"lista ta' kandidati"' (Art. 7.2)<br>▪ L-ewwel rapport ta' 5 snin mill-ECHA-Kummissjoni dwar il-funzjonament ta' REACH sal-1 ta' Ġunju (Art. 117.2)<br>▪ L-ewwel rapport ta' 3 snin mill-ECHA-Kummissjoni dwar il-metodi u l-istrateġiji ta' test mhux fuq l-annimali sal-1 ta' Ġunju (Art. 117.3)<br>▪ L-ewwel abbozz tal-CRAP lill-Istati Membri sal-1 ta' Diċembru (Art. 44.2)<br>▪ Rapport dwar l-użu bla periklu tas-sustanzi kimiċi (Art. 36a tar-Regolament CLP) sa [tliet snin wara d-data tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali] |
| **2012** | ▪ L-ewwel rapport ġenerali ta' 5 snin mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-funzjonament ta' REACH u l-finanzjament għall-iżvilupp u l-valutazzjoni ta' metodi ta' testijiet alternattivi li jrid jiġi ppubblikat sal-1 ta' Ġunju (Art. 117.4) – dan ir-rapport jinkludi reviżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-rekwiżit tar-reġistrazzjoni 1-10t/s bħala bażi għal proposti leġiżlattivi possibbli (Art. 138.3)<br>▪ Reviżjoni tal-Kummissjoni dwar l-ambitu tar-Regolament bħala bażi għal proposti leġiżlattivi possibbli sal-1 ta' Ġunju (Art. 138.6)<br>▪ Reviżjoni tal-ECHA sal-1 ta' Ġunju (Art. 75.2)<br>▪ Data ta' skadenza għall-abbozz ta' deċiżjonijiet tal-ECHA dwar il-proposti ta' testijiet għar-reġistrazzjonijiet li jkunu waslu sal-1 ta' Diċembru 2010 fl-1 ta' Diċembru (Art. 43.2.a) |

[11] L-Art. 41 tar-Regolament CLP wara li dan jidħol fis-seħħ.

## Anness 2: Dħul u nfiq tal-ECHA għall-perjodu 2009-2012 (inkluż il-pjan tal-persunal)[12]

| Attivitajiet | 2009 | | | | | | 2010 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Persunal | | | Infiq (€ '000) | | | Persunal | | | Infiq (€ '000) | | |
| | AD + AST | Persunal ieħor | TOT | Titolu I | Titolu II | Titolu III | AD + AST | Persunal ieħor | TOT | Titolu I | Titolu II | Titolu III |
| **3.0 Attivitajiet operattivi** | | | | | | | | | | | | |
| (Ġestjoni, koordinament u sostenn) | 26 | 3 | 29 | 3 387 | | | 32 | 3 | 35 | 3 922 | | |
| 3.1 Reġistrazzjoni u prereġistrazzjoni | 22 | 2 | 24 | 2 803 | | 75 | 30 | 2 | 32 | 3 586 | | 75 |
| 3.2 Valutazzjoni | 45 | 2 | 47 | 5 489 | | 550 | 67 | 2 | 69 | 7 733 | | 600 |
| 3.3 Awtorizzazzjoni u Restrizzjoni | 8 | 1 | 9 | 1 051 | | 800 | 15 | 1 | 16 | 1 793 | | 800 |
| 3.4 Klassifikazzjoni u Ttikkettar, SVHC | 18 | 1 | 19 | 2 219 | | 800 | 18 | 1 | 19 | 2 129 | | 800 |
| 3.5 Parir u Assistenza | 34 | 6 | 40 | 4 672 | | 1 172 | 44 | 7 | 51 | 5 716 | | 1 250 |
| 3.6 Strumenti informatiċi għall-operazzjonijiet | 21 | 1 | 22 | 2 569 | | 6 300 | 25 | 1 | 26 | 2 914 | | 5 700 |
| **4.0 Il-korpi tal-ECHA u attivitajiet ta' sostenn** | | | | | | | | | | | | |
| 4.1 Segretarjat | | | | | | | | | | | | |
| 4.2 Kumitati u Forum | 18 | 2 | 20 | 2 336 | | 3 500 | 28 | 3 | 31 | 3 474 | | 4 000 |
| 4.3 Bord tal-Appell | 16 | | 16 | 1 869 | | 400 | 23 | | 23 | 2 578 | | 2 500 |
| 4.4 Komunikazzjoni (ink. traduzzjonijiet) | 13 | 4 | 17 | 1 985 | | 4 500 | 18 | 4 | 22 | 2 466 | | 3 350 |
| 4.5 Relazzjonijiet mal-UE u Relazzjonijiet internazzjonali | 13 | | 13 | 1 518 | | 710 | 24 | 1 | 25 | 2 802 | | 600 |
| **5.0 Ġestjoni, Organizzazzjoni u Riżorsi** | | | | | | 1 910 | | | | | | 2 240 |
| 5.1.Ġestjoni tal-ECHA (ink. Bord ta' Tmexxija u Konsulenza legali) | 22 | 1 | 23 | 2 686 | | | 26 | 2 | 28 | 3 138 | | |
| 5.2 Baġit, Finanzi u Akkwist | 20 | 3 | 23 | 2 686 | | | 23 | 5 | 28 | 3 138 | | |
| 5.3 Riżorsi Umani u infrastruttura | 23 | 4 | 27 | 3 153 | 7 910 | | 25 | 4 | 29 | 3 250 | 8 283 | |
| 5.4 ICT | 25 | 4 | 29 | 3 387 | 2 330 | | 28 | 2 | 30 | 3 362 | 2 850 | |
| TOTAL | 324 | 34 | 358 | 41 812 | 10 240 | 20 717 | 426 | 38 | 464 | 52 001 | 11 133 | 21 915 |

| Dħul | 2009 Dħul (€ '000) | 2010 Dħul (€ '000) |
|---|---|---|
| Ħlasijiet u Spejjeż | 3 593 | 333 701 |
| Kontribuzzjonijiet KE | 70 908 | 0 |
| Pajjiżi Terzi (EFTA) | 1 511 | 0 |
| Oħrajn (interessi bankarji, eċċ.) | 160 | 700 |
| | 76 172 | 334 401 |

[12] Ħarsa ġenerali ta' spjegazzjoni. Innota li l-istimi fil-baġit għall-2009 huma aktar baxxi minn dawk notifikati lill-Kummissjoni u lill-awtorità baġitarja bl-APB għall-2009

| Attivitajiet | 2011 | | | | | | 2012 | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Persunal | | | Infiq (€ '000) | | | Persunal | | | Infiq (€ '000) | | |
| | AD + AST | Persunal ieħor | TOT | Titolu I | Titolu II | Titolu III | AD + AST | Persunal ieħor | TOT | Titolu I | Titolu II | Titolu III |
| **3.0 Attivitajiet operattivi** | | | | | | | | | | | | |
| (Ġestjoni, koordinament u sostenn) | 32 | 3 | 35 | 3 764 | | | 32 | 3 | 35 | 3 974 | | |
| 3.1 Reġistrazzjoni u prereġistrazzjoni | 31 | 2 | 33 | 3 549 | | 75 | 31 | 2 | 33 | 3 747 | | 75 |
| 3.2 Valutazzjoni | 69 | 2 | 71 | 7 636 | | 700 | 69 | 2 | 71 | 8 062 | | 1 100 |
| 3.3 Awtorizzazzjoni u Restrizzjoni | 17 | 1 | 18 | 1 936 | | 800 | 17 | 1 | 18 | 2 044 | | 800 |
| 3.4 Klassifikazzjoni u Ttikkettar, SVHC | 18 | 1 | 19 | 2 043 | | 800 | 18 | 1 | 19 | 2 157 | | 800 |
| 3.5 Parir u Assistenza | 53 | 8 | 61 | 6 560 | | 1 210 | 53 | 6 | 59 | 6 699 | | 1 160 |
| 3.6 Strumenti informatiċi għall-operazzjonijiet | 25 | 1 | 26 | 2 796 | | 4 250 | 25 | 1 | 26 | 2 952 | | 3 500 |
| **4.0 Il-korpi tal-ECHA u attivitajiet ta' sostenn** | | | | | | | | | | | | |
| 4.1 Segretarjat | | | | | | | | | | | | |
| 4.2 Kumitati u Forum | 35 | 4 | 39 | 4 194 | | 6 045 | 35 | 3 | 38 | 4 315 | | 8 305 |
| 4.3 Bord tal-Appell | 27 | | 27 | 2 904 | | 500 | 27 | | 27 | 3 066 | | 600 |
| 4.4 Komunikazzjoni (ink. traduzzjonijiet) | 25 | 1 | 26 | 2 796 | | 2 600 | 25 | 2 | 27 | 3 066 | | 2 400 |
| 4.5 Relazzjonijiet mal-UE u Relazzjonijiet internazzjonali | 25 | 4 | 29 | 3 119 | | 643 | 25 | 4 | 29 | 3 293 | | 690 |
| **5.0 Ġestjoni, Organizzazzjoni u Riżorsi** | | | | | | 2 188 | | | | | | 2 349 |
| 5.1.Ġestjoni tal-ECHA (ink. Bord ta' Tmexxija u Konsulenza legali) | 28 | 3 | 31 | 3 334 | | | 28 | 2 | 30 | 3 407 | | |
| 5.2 Baġit, Finanzi u Akkwist | 24 | 5 | 29 | 3 119 | | | 24 | 3 | 27 | 3 066 | | |
| 5.3 Riżorsi Umani u Infrastruttura | 25 | 4 | 29 | 3 119 | 8 579 | | 25 | 4 | 29 | 3 293 | 8 956 | |
| 5.4 ICT | 30 | 2 | 32 | 3 442 | 2 850 | | 30 | 2 | 32 | 3 634 | 2 850 | |
| TOTAL | 464 | 41 | 505 | 54 311 | 11 429 | 19 811 | 464 | 36 | 500 | 56 775 | 11 806 | 21 779 |

| Dħul | 2011 Dħul (€ '000) | 2012 Dħul (€ '000) |
|---|---|---|
| Ħlasijiet u Spejjeż | 13 546 | 26 648 |
| Kontribuzzjonijiet KE | 0 | 0 |
| Pajjiżi Terzi (EFTA) | 0 | 0 |
| Oħrajn (interessi bankarji, eċċ.) | 5 300 | 3 800 |
| TOTAL | 18 846 | 30 448 |